



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2016/0379(COD)

05.12.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni)
(COM(2016)0861 – C8-0492/2016 – 2016/0379(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ivo Belet

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

B'mod ġenerali, ir-Rapporteur jilqa' l-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-pakkett dwar l-enerġija nadifa: il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", il-pożizzjoni ta' tmexxija globali tal-UE fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u trattament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija.

Il-proposta għal regolament hija maħsuba biex tistabbilixxi suq tal-enerġija integrat li jipprova diversi benefiċċji fosthom l-integrazzjoni u l-iżvilupp ta' volumi kbar ta' elettriku prodott minn sorsi rinovabbli b'mod kosteffiċjenti u ffrankar tal-enerġija ulterjuri permezz ta' pprezzar aktar trasparenti.

Regoli ġenerali

Il-leġislazzjoni tal-UE trid issib il-bilanċ it-tajjeb bejn approċċi bbażati fuq is-suq u regolamentazzjoni effettiva. Jista' jkun hemm bżonn ta' korrezzjonijiet tas-suq biex jingħelbu l-fallimenti tas-suq u jinkisbu l-oġettivi ta' interess soċjali u ekonomiku ġenerali. Hemm bżonn li jinstab il-bilanċ it-tajjeb sabiex titwassal it-tranżizzjoni tal-enerġija bl-aktar spiża soċjetali baxxa.

Id-dispaċċ ta' prijorità

Jekk irridu nżommu t-tmexxija globali tal-UE fl-enerġija rinnovabbli, jista' jkun prematur, sakemm jibqgħu jippersistu distorsjonijiet fis-swieq, li nipprevedu t-tmiem tal-aċċess ta' prijorità għall-grilja u d-dispaċċ ta' prijorità għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli. Ir-regoli dwar it-tneħħija tad-dispaċċ ta' prijorità u t-tnaqqis jeħtieġ li jiġu vvalutati bir-reqqa.

Imposti tan-netwerk u introjtu mill-konġestjoni

It-tfassil mill-ġdid tat-tariffi tan-netwerk għandu jiġi mmaniġġjat b'attenzjoni. Meta wieħed jipprova jirrifletti aħjar l-użu reali tal-grilja, il-kwistjonijiet ta' solidarjetà ma jridux jitwarrbu.

Ir-rieżami propost jillimita l-użu tad-dħul mill-konġestjoni għall-kostijiet relatati mad-disponibbiltà attwali tal-kapaċità u l-kostijiet għall-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni. Speċjalment meta jinkisbu l-miri tal-interkonnessjoni, għandu jkun għad hemm l-għażla li d-dħul mill-konġestjoni jmur lura għall-utenti tal-grilja sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni pubblika.

Adegwatezza tar-riżorsi

Ir-Rapporteur jilqa' l-formalizzazzjoni ta' metodoloġija koordinata fil-livell Ewropew fil-qasam tal-adeqwatezza tar-riżorsi bħala pass neċessarju sabiex jiġu żgurati valutazzjonijiet komparabbli.

Barra minn hekk, hemm bżonn ta' aktar attenzjoni sabiex jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn il-livell Ewropew fuq naħa u l-livell reġjonali u nazzjonali fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, il-valutazzjoni koordinata fil-livell Ewropew fil-qasam tal-adeqwatezza tar-riżorsi għandha tkun ikkomplementata minn valutazzjonijiet li jiffukaw fuq il-livell nazzjonali u reġjonali (inklużi aktar granularità, aktar sensitività, sitwazzjonijiet lokali, eċċ).

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista bl-anqas kostijiet għall-konsumaturi, għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa r-raġunijiet għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi tal-kapaċità. Il-kostijiet tal-mekkaniżmi tal-kapaċità u l-impatt tagħhom fuq il-kontijiet tal-konsumaturi għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa. Il-mekkaniżmi tal-kapaċità għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' kriterji trasparenti li jinkludu l-flessibilità u m'għandhomx imorru kontra l-miri tal-UE fil-qasam tal-klima u tal-enerġija. Il-mekkaniżmi tal-kapaċità għandhom ikunu miżura temporanja bħala l-aħħar għażla, limitati fiż-żmien u akkumpanjati minn strateġija ta' ħruġ ċara.

Tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni

Sabiex jiġu integrati b'suċċess is-swieq differenti tal-enerġija nazzjonali, ir-Rapporteur iqis li l-koordinazzjoni effiċjenti tas-sistema tal-enerġija Ewropea hija meħtieġa. Il-koordinazzjoni reġjonali bejn l-operaturi tas-sistemi ta' tranżizzjoni hija pedament ewlieni fil-kisba tal-Unjoni tal-Enerġija. Riċentement dan sar obligatorju permezz ta' Regolamenti tal-UE differenti (kodiċijiet u linji gwida tan-netwerk). Ċertament li hemm bżonn ta' trasferiment ulterjuri tal-kompiti u l-estensjoni tal-bażi reġjonali għall-kooperazzjoni fi ħdan iċ-ċentri ta' kooperazzjoni reġjonali, iżda huwa diskutibbli jekk dan jistax jitwettaq b'suċċess minn fuq għal isfel. Il-qafas leġiżlattiv għandu jipprovwovi l-elaborazzjoni tad-dimensjoni Ewropea tal-operazzjoni tat-trażmissjoni minn isfel għal fuq.

EMENDA

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-Unjoni tal-Enerġija għandha l-għan li tipprovdi lill-konsumaturi, kemm jekk huma unità domestika kif ukoll negozju, ***b'enerġija*** sigura, sostenibbli, kompetittiva u għall-but ta' kulħadd. Tradizzjonalment is-sistema tal-elettriku kienet iddominata b'monopolji integrati vertikalment u li ta' spiss kienu jkun ta' proprjetà pubblika, b'impjanti kbar ċentralizzati tal-enerġija nukleari u ***tal-karburant*** fossili. Is-suq intern tal-elettriku, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha fl-Unjoni, kemm ***għaċ-ċittadini u għan-negozji, kif ukoll*** opportunitajiet

Emenda

(2) L-Unjoni tal-Enerġija għandha l-għan li tipprovdi lill-konsumaturi, kemm jekk huma unità domestika kif ukoll negozju, ***enerġija*** sigura, sostenibbli, kompetittiva u għall-but ta' kulħadd. Tradizzjonalment is-sistema tal-elettriku kienet iddominata b'monopolji integrati vertikalment u li ta' spiss kienu jkun ta' proprjetà pubblika, b'impjanti kbar ċentralizzati tal-enerġija nukleari u ***tal-karburanti*** fossili. Is-suq intern tal-elettriku, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha fl-Unjoni, kemm ***jekk huma ċittadini kif ukoll negozji, joħloq***

ġodda ta' negozju u **aktar kummerċ** transkonfinali sabiex jiġu żgurati gwadanji f'termini ta' effiċjenza, prezzijiet kompetittivi u standards oġhla ta' servizz, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u għas-sostenibbiltà. Is-suq intern tal-elettriku żied il-kompetizzjoni, b'mod partikolari fil-livell bl-ingrossa u fil-kummerċ transkonfinali. Dan jibqa' l-pedament ta' suq effiċjenti fl-enerġija.

opportunitajiet ġodda ta' negozju **għall-impriżi, jippromwovi mudelli kooperattivi tal-enerġija ċivika b'valur miżjud reġjonali u jsaħħaħ il-kummerċ** transkonfinali sabiex jiġu żgurati gwadanji f'termini ta' effiċjenza, prezzijiet kompetittivi u standards oġhla ta' servizz, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista u għas-sostenibbiltà. Is-suq intern tal-elettriku żied il-kompetizzjoni, b'mod partikolari fil-livell bl-ingrossa u fil-kummerċ transkonfinali. Dan jibqa' l-pedament ta' suq effiċjenti fl-enerġija.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija konsistenti mal-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" għandu rwol importanti fl-iddisinjar tas-suq tal-elettriku. Billi jippromwovi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal soluzzjonijiet fin-naħa tad-domanda, inkluż titjib fir-rispons tad-domanda u l-effiċjenza fl-enerġija, dan il-prinċipju jiżgura li s-suq jista' jkun effettiv fl-ilhug tal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u l-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Fil-passat il-klijenti tal-elettriku kienu purament passivi, tant li ta' spiss

(5) Fil-passat il-klijenti tal-elettriku kienu purament passivi, tant li ta' spiss

kienu jixtru l-elettriku bi prezzijiet regolati li ma kellhom l-ebda relazzjoni diretta mas-suq. Fil-futur il-klijenti jridu jkunu f'pożizzjoni li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq, fuq l-istess livell mal-parteċipanti l-oħra fis-suq. Sabiex jiġu integrati l-ishma dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li s-sistema futura tal-elettriku tuża s-sorsi kollha disponibbli ta' flessibilità, b'mod partikolari r-rispons tad-domanda u l-ħżin. Biex tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni effettiva bl-aktar prezz baxx, jeħtieġ ukoll li tithegġegħ l-effiċjenza fl-enerġija.

kienu jixtru l-elettriku bi prezzijiet regolati li ma kellhom l-ebda relazzjoni diretta mas-suq. Fil-futur il-klijenti jridu jkunu f'pożizzjoni li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq, fuq l-istess livell mal-parteċipanti l-oħra fis-suq. Sabiex jiġu integrati l-ishma dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li s-sistema futura tal-elettriku tuża s-sorsi kollha disponibbli ta' flessibilità, b'mod partikolari r-rispons tad-domanda u l-ħżin. Biex tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni effettiva bl-aktar prezz baxx, jeħtieġ ukoll li tithegġegħ l-effiċjenza fl-enerġija **u b'hekk titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tingħata spinta lill-investimenti fuq terminu twil.**

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-integrazzjoni akbar fis-suq u l-bidla għal produzzjoni tal-elettriku aktar volatili jeħtieġu sforzi akbar biex jikkordinaw il-politiki tal-enerġija nazzjonali ma' dawk tal-pajjiżi ġirien u biex jużaw l-opportunitajiet tal-kummerċ transkonfinali tal-elettriku.

Emenda

(6) L-integrazzjoni akbar fis-suq u l-bidla għal produzzjoni tal-elettriku aktar **distribwit u** volatili jeħtieġu sforzi akbar biex jikkordinaw il-politiki tal-enerġija nazzjonali ma' dawk tal-pajjiżi ġirien u biex jużaw l-opportunitajiet tal-kummerċ transkonfinali tal-elettriku.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li l-prinċipji ewlenin tas-suq jistabbilixxu li l-prezzijiet tal-elettriku jridu jiġu stabbiliti skont id-domanda u l-provvista. Jenħtieġ li dawk il-prezzijiet jidentifikaw meta jkun meħtieġ l-elettriku u jipprovdu inċentivi tas-suq għall-investimenti f'sorsi flessibbli bħall-ġenerazzjoni flessibbli, l-interkonnessjoni,

Emenda

(8) Jenħtieġ li l-prinċipji ewlenin tas-suq jistabbilixxu li l-prezzijiet tal-elettriku jridu jiġu stabbiliti skont id-domanda u l-provvista. **Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ta' solidarjetà u distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet,** jenħtieġ li dawk il-prezzijiet jidentifikaw meta jkun meħtieġ l-elettriku u jipprovdu inċentivi tas-suq

ir-rispons tad-domanda jew il-ħżin.

għall-investimenti f'sorsi flessibbli bħall-ġenerazzjoni flessibbli, l-interkonnessjoni, ir-rispons tad-domanda jew il-ħżin.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-elettriku, bl-enerġija rinnovabbli li qed issir parti importanti tas-suq, hija għan ewlieni tal-Unjoni tal-Enerġija. Hekk kif l-Unjoni qed timxi lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-elettriku u l-introduzzjoni dejjem akbar tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, huwa fundamentali li s-suq jelimina l-ostakoli eżistenti għall-kummerċ transkonfinali u jhegġegħ l-investimenti fl-infrastruttura ta' appoġġ, pereżempju b'żieda fil-ġenerazzjoni flessibbli, l-interkonnessjoni, ir-rispons tad-domanda u l-ħżin. Biex tiġi appoġġata din il-bidla lejn ġenerazzjoni varjabbli u distribwita u biex ikun żgurat li l-prinċipji tas-suq tal-enerġija jkunu l-bażi tas-swieq futuri tal-elettriku tal-Unjoni, huwa essenzjali li jkun hemm attenzjoni ġdida fuq is-swieq integrati tul perjodu qasir u fuq il-prezzijiet li jirriflettu n-nuqqas ta' domanda.

Emenda

(9) Id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-elettriku, bl-enerġija rinnovabbli li qed issir parti importanti tas-suq, hija għan ewlieni tal-Unjoni tal-Enerġija. Hekk kif l-Unjoni qed timxi lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-elettriku u l-introduzzjoni dejjem akbar tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, huwa fundamentali li s-suq jelimina l-ostakoli eżistenti għall-kummerċ transkonfinali u jhegġegħ l-investimenti fl-infrastruttura ta' appoġġ, pereżempju b'żieda fil-ġenerazzjoni flessibbli, l-interkonnessjoni, ir-rispons tad-domanda u l-ħżin. Biex tiġi appoġġata ***l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-ħżin tal-enerġija, jenhtiegħ li l-Istati Membri jieħdu passi biex ineħħu d-dispożizzjonijiet ta' tassazzjoni skaduti li jwasslu għal tassazzjoni doppja. Biex tiġi appoġġata*** din il-bidla lejn ġenerazzjoni varjabbli u distribwita u biex ikun żgurat li l-prinċipji tas-suq tal-enerġija jkunu l-bażi tas-swieq futuri tal-elettriku tal-Unjoni, huwa essenzjali li jkun hemm attenzjoni ġdida fuq is-swieq integrati tul perjodu qasir u fuq il-prezzijiet li jirriflettu n-nuqqas ta' domanda.

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni effettiva tal-ħżin tal-enerġija għet imxekkla minn dispożizzjonijiet tal-kodiċi tat-taxxa li wasslu għal tassazzjoni doppja. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex ineħħu dawn l-ostakoli.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Is-swieq għal perjodu qasir se jtejbu l-likwidità u l-kompetizzjoni għax permezz tagħhom aktar riżorsi se jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq, speċjalment dawk li huma aktar flessibbli. L-ipprezzar tal-iskarsezza effettiv se jħeġġeġ lill-parteċipanti fis-suq biex ikunu disponibbli meta s-suq ikollu l-aktar bżonnhom u se jiżgura li dawn jistgħu jirkupraw il-kostijiet tagħhom fis-suq bl-ingrossa. Għalhekk huwa fundamentali li, kemm jista' jkun, jitneħħew il-limiti amministrattivi u impliċiti fuq il-prezzijiet biex b'hekk il-prezzijiet li jirriflettu n-nuqqas tad-domanda jkunu jistgħu jiżdiedu sal-valur tat-tagħbija mitlufa. Hekk kif ikunu integrati għalkollox fl-istruttura tas-suq, is-swieq integrati tul perjodu qasir u l-ipprezzar tal-iskarsezza se jikkontribwixxu għat-tneħħija ta' miżuri oħra, bħall-mekkaniżmi ta' kapaċità biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-ipprezzar tal-iskarsezza mingħajr limiti fuq il-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa jenħtieġ li ma jipperikolax il-possibbiltà ta' prezzijiet affidabbli u **stabbli** għall-klijenti aħħarija, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi u l-SMEs.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-prekondizzjoni għal kompetizzjoni effettiva fis-suq intern tal-elettriku hija li jkun hemm tariffi trasparenti u **mhux diskriminatorji** għall-użu tan-netwerks, fosthom il-linji ta' interkonnnessjoni fis-sistema ta' trażmissjoni. Il-kapaċità disponibbli ta'

Emenda

(10) Is-swieq għal perjodu qasir se jtejbu l-likwidità u l-kompetizzjoni għax permezz tagħhom aktar riżorsi se jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq, speċjalment dawk li huma aktar flessibbli. L-ipprezzar tal-iskarsezza effettiv se jħeġġeġ lill-parteċipanti fis-suq biex ikunu disponibbli meta s-suq ikollu l-aktar bżonnhom u se jiżgura li dawn jistgħu jirkupraw il-kostijiet tagħhom fis-suq bl-ingrossa. Għalhekk huwa fundamentali li, kemm jista' jkun, jitneħħew il-limiti amministrattivi u impliċiti fuq il-prezzijiet biex b'hekk il-prezzijiet li jirriflettu n-nuqqas tad-domanda jkunu jistgħu jiżdiedu sal-valur tat-tagħbija mitlufa. Hekk kif ikunu integrati għalkollox fl-istruttura tas-suq, is-swieq integrati tul perjodu qasir u l-ipprezzar tal-iskarsezza se jikkontribwixxu għat-tneħħija ta' miżuri oħra, bħall-mekkaniżmi ta' kapaċità biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-ipprezzar tal-iskarsezza mingħajr limiti fuq il-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa jenħtieġ li ma jipperikolax il-possibbiltà ta' prezzijiet affidabbli, **stabbli** u **affordabbli** għall-klijenti aħħarija, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi u l-SMEs.

Emenda

(12) Il-prekondizzjoni għal kompetizzjoni effettiva fis-suq intern tal-elettriku hija li jkun hemm tariffi **mhux diskriminatorji**, trasparenti u **adegwati** għall-użu tan-netwerks, fosthom il-linji ta' interkonnnessjoni fis-sistema ta' trażmissjoni. Il-kapaċità disponibbli ta'

dawk il-linji jenħtieġ li tkun stabbilita fl-ogħla livelli konsistenti mal-istandards ta' **sigurtà** tat-tħaddim tan-netwerk **bla periklu**.

dawk il-linji jenħtieġ li tkun stabbilita fl-ogħla livelli konsistenti mal-istandards ta' **sikurezza** tat-tħaddim tan-netwerk.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija konsistenti mal-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Sabiex l-investimenti neċessarji jitmexxew b'mod effiċjenti, jeħtieġ li l-prezzijiet jipprovdu wkoll sinjali fejn l-elettriku huwa l-aktar bżonnjuż. F'sistema tal-elettriku żonali, is-sinjali ta' lokalizzazzjoni korretti jeħtieġu determinazzjoni koerenti, oġġettiva u affidabbli taż-żoni tal-offerti bi proċess trasparenti. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim u l-ippjanar effiċjenti tan-netwerk tal-elettriku tal-Unjoni u biex jingħataw sinjali tal-prezzijiet effettivi għall-ġenerazzjoni tal-kapaċità, ir-rispons tad-domanda jew l-infrastruttura tat-trażmissjoni ġodda, jenħtieġ li ż-żoni tal-offerta jirriflettu l-konġestjoni strutturali. B'mod partikolari, jenħtieġ li ma titnaqqasx il-kapaċità transżonali biex tissolva l-konġestjoni interna.

Emenda

(14) Sabiex l-investimenti neċessarji jitmexxew b'mod effiċjenti, jeħtieġ li l-prezzijiet jipprovdu wkoll sinjali fejn l-elettriku huwa l-aktar bżonnjuż. F'sistema tal-elettriku żonali, is-sinjali ta' lokalizzazzjoni korretti jeħtieġu determinazzjoni koerenti, oġġettiva u affidabbli taż-żoni tal-offerti bi proċess trasparenti. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim u l-ippjanar effiċjenti tan-netwerk tal-elettriku tal-Unjoni u biex jingħataw sinjali tal-prezzijiet effettivi għall-ġenerazzjoni tal-kapaċità, ir-rispons tad-domanda, **il-ħżin tal-enerġija** jew l-infrastruttura tat-trażmissjoni ġodda, jenħtieġ li ż-żoni tal-offerta jirriflettu l-konġestjoni strutturali. B'mod partikolari, jenħtieġ li ma titnaqqasx il-kapaċità transżonali biex tissolva l-konġestjoni interna.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li l-ħżin tal-enerġija jiġi rrikonoxxut bħala klassi tal-assi ġdida tal-enerġija f'id-dritt tal-Unjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Id-dekarbonizzazzjoni effiċjenti tas-sistema tal-elettriku bl-integrazzjoni tas-suq teħtieġ li jitneħħew l-ostakoli b'mod sistematiku għall-kummerċ transkonfinali biex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq u biex b'hekk il-klijenti tal-enerġija tal-Unjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi tas-swieq tal-elettriku integrati u mill-kompetizzjoni.

Emenda

(15) Id-dekarbonizzazzjoni effiċjenti tas-sistema tal-elettriku **sal-2050** bl-integrazzjoni tas-suq teħtieġ li jitneħħew l-ostakoli b'mod sistematiku għall-kummerċ transkonfinali biex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq u biex b'hekk il-klijenti tal-enerġija tal-Unjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi tas-swieq tal-elettriku integrati u mill-kompetizzjoni. ***Din teħtieġ ukoll li tipprovdi tranżizzjoni ġusta għar-reġjuni tal-minjieri tal-faħam u għal dawk il-partijiet tas-suq tal-elettriku li fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom ibbażati fuq il-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam, peress li d-dekummissjonar tagħhom li huwa meħtieġ fil-qafas tat-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija flessibbli u sostenibbli li tippermetti lill-Unjoni tilħaq il-Ftehim ta' Pariġi se jkollu jindirizza l-isfidi ekonomiċi u soċjali numerużi.***

Ġustifikazzjoni

Id-dekarbonizzazzjoni jeħtieġ li tkun inklużiva, ġusta u miftiehma mill-partijiet ikkonċernati kollha u tqis l-impatti soċjetali, ekonomiċi u ambjentali, kif ukoll l-alternattivi ta' xogħol sostenibbli, speċjalment meta l-eliminazzjoni gradwali tkun marbuta mal-għeluq ta' attivitajiet ta' estrazzjoni. Waslet biex tibda azzjoni preparatorja dwar l-istabbiliment ta' pjattaforma ta' djalogu dwar il-faħam biex jiġu diskussi l-aspetti ta' governanza, it-tranżizzjoni ġusta u d-dekummissjonar, u r-regoli dwar is-Suq tal-Elettriku tal-UE jenħtieġ li jkunu konformi ma' dawn l-attivitajiet.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Jenħtieġ li d-dispaċċ ta' prijorità għall-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni bl-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli varjabbli jiġi rikonoxxut għar-rwol tiegħu fir-rigward tal-appoġġ lill-UE biex tilħaq il-miri tagħha għall-użu tal-enerġija minn

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Jenħtieġ li n-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (ENTSO) tal-Elettriku jwettaq valutazzjoni soda fuq terminu medju u twil dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi fil-livell tal-Unjoni biex tipprovd bażi oġġettiva għall-valutazzjoni tat-tħassib dwar l-adeqwatezza. It-tħassib dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi jikkonċerna l-fatt li l-indirizzi tal-mekkaniżmi ta' kapaċità jenħtieġ li jkunu bbażati fuq **il-valutazzjoni tal-UE**.

Emenda

(26) Jenħtieġ li n-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (ENTSO) tal-Elettriku jwettaq valutazzjoni soda fuq terminu medju u twil dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi fil-livell tal-Unjoni biex tipprovd bażi oġġettiva għall-valutazzjoni tat-tħassib dwar l-adeqwatezza. **Dik il-valutazzjoni jenħtieġ li tiġi kkomplementata b'valutazzjonijiet aktar granulari fil-livelli ta' żoni tal-offerti, Stati Membri u reġjuni.** It-tħassib dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi jikkonċerna l-fatt li l-indirizzi tal-mekkaniżmi ta' kapaċità jenħtieġ li jkunu bbażati fuq **dawk il-valutazzjonijiet**.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Il-valutazzjoni fuq terminu medju u twil dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi (minn 10 snin sa sena bil-quddiem) stabbilita f'dan ir-Regolament għandha skop differenti mill-prospettivi stagġunali (ta' sitt xhur bil-quddiem) kif stabbiliti fl-Artikolu 9 [ir-Regolament dwar it-tnejn għar-riskji kif propost minn COM(2016) 862]. Il-valutazzjonijiet fuq terminu medju u twil jintużaw l-aktar biex jivvalutaw il-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' kapaċità billi l-prospettivi stagġunali jintużaw biex jinfurmaw dwar ir-riskji li jistgħu jinqalgħu fi żmien is-sitt xhur ta'

Emenda

(27) Il-valutazzjoni fuq terminu medju u twil dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi (minn 10 snin sa sena bil-quddiem) stabbilita f'dan ir-Regolament għandha skop differenti mill-prospettivi stagġunali (ta' sitt xhur bil-quddiem) kif stabbiliti fl-Artikolu 9 [ir-Regolament dwar it-tnejn għar-riskji kif propost minn COM(2016) 862]. Il-valutazzjonijiet fuq terminu medju u twil jintużaw l-aktar biex jivvalutaw il-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' kapaċità billi l-prospettivi stagġunali jintużaw biex jinfurmaw dwar ir-riskji li jistgħu jinqalgħu fi żmien is-sitt xhur ta'

wara, li x'aktarx jirriżultaw f'deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku. Barra minn hekk, iċ-**Ċentri Operazzjonali** Reġjonali jwettqu wkoll valutazzjonijiet dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi kif definiti fil-leġislazzjoni Ewropea dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku. Dawn huma valutazzjonijiet dwar l-adeqwatezza fuq terminu qasir ħafna (minn ġimgħa sa ġurnata bil-quddiem) użati fil-kuntest tat-tħaddim tas-sistema.

wara, li x'aktarx jirriżultaw f'deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni tal-provvista tal-elettriku. Barra minn hekk, iċ-**ċentri ta' koordinazzjoni** reġjonali jwettqu wkoll valutazzjonijiet dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi kif definiti fil-leġislazzjoni Ewropea dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku. Dawn huma valutazzjonijiet dwar l-adeqwatezza fuq terminu qasir ħafna (minn ġimgħa sa ġurnata bil-quddiem) użati fil-kuntest tat-tħaddim tas-sistema.

(Din l-emenda tapplika għat-test leġislativ kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Qabel l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' kapaċità, jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw id-distorsjonijiet regolatorji li jikkontribwixxu għat-tħassib relatat dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi. Jenħtieġ li dawn ikunu obbligati jadottaw miżuri biex jeliminaw id-distorsjonijiet identifikati flimkien ma' perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità jenħtieġ li jiġu introdotti biss għat-tħassib **residwali** li ma jistax jiġi indirizzat billi jitneħħew dawn id-distorsjonijiet.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Barra **l-iskemi ta' riserva** jenħtieġ li

Emenda

(28) Qabel l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' kapaċità, jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw id-distorsjonijiet regolatorji li jikkontribwixxu għat-tħassib relatat dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi. Jenħtieġ li dawn ikunu obbligati jadottaw miżuri biex jeliminaw id-distorsjonijiet identifikati flimkien ma' perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità jenħtieġ li jiġu introdotti biss għat-tħassib **li jifdal, bħas-sigurtà tal-provvisti tal-enerġija**, li ma jistax jiġi indirizzat billi jitneħħew dawn id-distorsjonijiet.

Emenda

(31) Barra **r-riservi strateġiċi** jenħtieġ li

jìgu stabbiliti wkoll regoli dettaljati li jiffaċilitaw il-parteeċipazzjoni transkonfinali effettiva fil-mekkaniżmi ta' kapaċità. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni bejn il-fruntieri jenħtiegħ li jiffaċilitaw il-ġeneraturi interessati li jixtiequ jipparteċipaw fil-mekkaniżmi ta' kapaċità fi Stati Membri oħra. Għalhekk jenħtiegħ li jikkalkulaw il-kapaċitajiet sa fejn hu possibbli l-parteeċipazzjoni bejn il-fruntieri, jippermettu l-parteeċipazzjoni u jikkontrollaw id-disponibbiltajiet. Jenħtiegħ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jinfurzaw ir-regoli transkonfinali fl-Istati Membri.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Fid-dawl tad-differenzi fis-sistemi nazzjonali tal-enerġija u tal-limitazzjonijiet tekniċi tan-netwerks tal-elettriku eżistenti, l-aħjar approċċ biex jinkiseb il-progress fl-integrazzjoni tas-suq se jkun ta' spiss fuq livell reġjonali. Għaldaqstant jenħtiegħ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni effiċjenti, jenħtiegħ li qafas regolatorju ġdid jipprevedi governanza reġjonali u sorveljanza regolatorja aktar b'saħħithom, anke billi tissaħħaħ is-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet transkonfinali. F'sitwazzjonijiet ta' kriżi hemm mnejn ikun hemm bżonn ukoll ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u jiġu limitati d-distorsjonijiet fis-suq.

Emenda 17

jìgu stabbiliti wkoll regoli dettaljati li jiffaċilitaw il-parteeċipazzjoni transkonfinali effettiva fil-mekkaniżmi ta' kapaċità. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni bejn il-fruntieri jenħtiegħ li jiffaċilitaw il-ġeneraturi interessati li jixtiequ jipparteċipaw fil-mekkaniżmi ta' kapaċità fi Stati Membri oħra. Għalhekk jenħtiegħ li jikkalkulaw il-kapaċitajiet sa fejn hu possibbli l-parteeċipazzjoni bejn il-fruntieri, jippermettu l-parteeċipazzjoni u jikkontrollaw id-disponibbiltajiet. Jenħtiegħ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jinfurzaw ir-regoli transkonfinali fl-Istati Membri.

Emenda

(32) Fid-dawl tad-differenzi fis-sistemi nazzjonali tal-enerġija u tal-limitazzjonijiet tekniċi tan-netwerks tal-elettriku eżistenti, l-aħjar approċċ ***u l-aktar wieħed kosteffettiv*** biex jinkiseb il-progress fl-integrazzjoni tas-suq se jkun ta' spiss fuq livell reġjonali. Għaldaqstant jenħtiegħ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni effiċjenti, jenħtiegħ li qafas regolatorju ġdid jipprevedi governanza reġjonali u sorveljanza regolatorja aktar b'saħħithom, anke billi tissaħħaħ is-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet transkonfinali. F'sitwazzjonijiet ta' kriżi hemm mnejn ikun hemm bżonn ukoll ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u jiġu limitati d-distorsjonijiet fis-suq.

**Proposta għal regolament
Premessa 35**

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Iċ-Ċentri **Operazzjonali** reġjonali jenħtieġ li jwettqu funzjonijiet li r-reġjonalizzazzjoni tagħhom iġġib valur miżjud meta titqabbel mal-funzjonijiet li jitwettqu fil-livell nazzjonali. Il-funzjonijiet taċ-Ċentri **Operazzjonali** reġjonali **jenħtieġu** li jkopru l-funzjonijiet imwettqa mill-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà kif ukoll **it-tħaddim** addizzjonali **tas-sistema, it-tħaddim tas-suq u l-funzjonijiet tat-tħejjija għar-riskji**. Il-funzjonijiet imwettqa miċ-Ċentri **Operazzjonali** reġjonali jenħtieġ li jeskludu **it-tħaddim** f'ħin reali tas-sistema tal-elettriku.

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Premessa 36**

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Jenħtieġ li ċ-Ċentri **Operazzjonali** reġjonali jaġixxu primarjament fl-interess tat-tħaddim tas-sistema u tas-suq tar-reġjun meta jitqabblu mal-interessi ta' kwalunkwe entità unika. Għaldaqstant, jenħtieġ li ċ-Ċentri **Operazzjonali reġjonali jiġu fdati bis-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jaġixxu u jindirizzaw azzjonijiet li jridu jittieħdu mill-operaturi tas-sistema** ta' **trażmissjoni tar-reġjun tat-tħaddim tas-sistema għal ċerti funzjonijiet u bi** rwol konsultattiv akbar **għall-funzjonijiet** li **jifdal**.

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Premessa 38**

Emenda

(35) Iċ-ċentri **ta' koordinazzjoni** reġjonali jenħtieġ li jwettqu funzjonijiet li r-reġjonalizzazzjoni tagħhom iġġib valur miżjud meta titqabbel mal-funzjonijiet li jitwettqu fil-livell nazzjonali. Il-funzjonijiet taċ-ċentri **ta' koordinazzjoni** reġjonali **jenħtieġ** li jkopru l-funzjonijiet imwettqa mill-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà kif ukoll **il-funzjonijiet** addizzjonali **ta' importanza reġjonali**. Il-funzjonijiet imwettqa miċ-ċentri **ta' koordinazzjoni** reġjonali jenħtieġ li jeskludu **t-tħaddim** f'ħin reali tas-sistema tal-elettriku.

Emenda

(36) Jenħtieġ li ċ-ċentri **ta' koordinazzjoni** reġjonali jaġixxu primarjament fl-interess tat-tħaddim tas-sistema u tas-suq tar-reġjun meta jitqabblu mal-interessi ta' kwalunkwe entità unika. Għaldaqstant, jenħtieġ li ċ-ċentri ta' **koordinazzjoni reġjonali jkollhom** rwol konsultattiv akbar **permezz tal-abilità tagħhom** li **joħorġu rakkomandazzjonijiet**.

(38) Sabiex jiżdedu l-effiċjenzi fin-netwerk ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni u biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u mal-ENTSO għall-Elettriku, jenħtieġ li fl-Unjoni tiġi stabbilita entità Ewropea tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni ("l-entità tal-UE għad-DSO"). Jenħtieġ li l-kompiti tal-entità tal-UE għad-DSO jiġu ddefiniti sew u l-metodu ta' ħidma tagħha jiżgura l-effiċjenza, it-trasparenza u r-rappreżentattività fost l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-entità tal-UE għad-DSO tikkoopera mill-qrib mal-ENTSO għall-Elettriku dwar it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk, fejn ikun applikabbli, u li taħdem biex tipprovdi gwida dwar l-integrazzjoni, fost l-oħrajn tal-ġenerazzjoni distribwita u tal-ħżin fin-netwerk ta' distribuzzjoni jew f'oqsma oħra relatati mal-ġestjoni tan-netwerk ta' distribuzzjoni.

(38) Sabiex jiżdedu l-effiċjenzi fin-netwerk ta' distribuzzjoni tal-elettriku fl-Unjoni u biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u mal-ENTSO għall-Elettriku, jenħtieġ li fl-Unjoni tiġi stabbilita entità Ewropea tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni ("l-entità tal-UE għad-DSO"). Jenħtieġ li l-kompiti tal-entità tal-UE għad-DSO jiġu ddefiniti sew u l-metodu ta' ħidma tagħha jiżgura **l-indipendenza, in-newtralità**, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-rappreżentattività fost l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-Unjoni, **filwaqt li jirrispetta l-ispeċifitàjiet reġjonali tan-netwerks ta' distribuzzjoni**. Jenħtieġ li l-entità tal-UE għad-DSO tikkoopera mill-qrib mal-ENTSO għall-Elettriku dwar it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk, fejn ikun applikabbli, u li taħdem biex tipprovdi gwida dwar l-integrazzjoni, fost l-oħrajn tal-ġenerazzjoni distribwita u tal-ħżin fin-netwerk ta' distribuzzjoni jew f'oqsma oħra relatati mal-ġestjoni tan-netwerk ta' distribuzzjoni.

Ġustifikazzjoni

In-netwerks ta' distribuzzjoni madwar l-Ewropa jvarjaw b'mod konsiderevoli: mil-livell tal-vultaġġ, it-topoloġija, il-profil naturali ta' żona partikolari sat-tendenzi tal-konsum tal-utenti. Dawn l-ispeċifitàjiet għandhom jitqiesu f'operazzjoni tal-entità tal-UE għad-DSO.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

(a) jistabbilixxi l-bażi biex jinkisbu b'mod effiċjenti l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea u b'mod partikolari **il-qafas** għall-klima u l-enerġija għall-2030³⁰ bis-sinjali tas-suq li jwasslu għal aktar flessibilità, **dekarbonizzazzjoni** u

(a) jistabbilixxi l-bażi biex jinkisbu b'mod effiċjenti l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea u b'mod partikolari **l-qafas** għall-klima u l-enerġija għall-2030³⁰ bis-sinjali tas-suq li jwasslu għal aktar flessibilità, **effiċjenza fl-enerġija** u

innovazzjoni;

innovazzjoni, ***filwaqt li jitqiesu wkoll ir-rwol tal-interkonnnetturi u s-sehem dejjem akbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għat-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija sostenibbli;***

³⁰ COM/2014/015 finali.

³⁰ COM/2014/015 finali.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jistabbilixxi l-prinċipji fundamentali għal swieq tal-elettriku integrati u li jiffunzjonaw tajjeb, li jippermettu l-aċċess mhux diskriminatorju għas-suq għall-fornituri tar-riżorsi u għall-klijenti tal-elettriku kollha, jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi, jippermettu r-rispons tad-domanda u l-effiċjenza fl-enerġija, jiffaċilitaw l-aggregazzjoni tad-domanda u tal-provvista distribwiti u jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi jippermettu l-integrazzjoni tas-suq u r-remunerazzjoni bbażata fuq is-suq tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

Emenda

(b) jistabbilixxi l-prinċipji fundamentali għal swieq tal-elettriku integrati u li jiffunzjonaw tajjeb, li jippermettu l-aċċess mhux diskriminatorju għas-suq għall-fornituri tar-riżorsi u għall-klijenti tal-elettriku kollha, jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi, jippermettu r-rispons tad-domanda, ***il-ħżin tal-enerġija*** u l-effiċjenza fl-enerġija, jiffaċilitaw l-aggregazzjoni tad-domanda u tal-provvista distribwiti, ***jippromwovu livelli suffiċjenti ta' interkonnnessjonijiet tal-elettriku*** u jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi jippermettu l-integrazzjoni tas-suq u r-remunerazzjoni bbażata fuq is-suq tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) "konġestjoni" tfisser sitwazzjoni fejn it-talbiet kollha mill-parteciċipanti fis-suq biex isir kummerċ ***bejn żewġ żoni tal-offerti*** ma jistgħux jintlaqgħu peress li kieku jaffettwaw b'mod sinifikanti l-flussi fiżiċi tal-elementi tan-netwerk li ma

Emenda

(c) "konġestjoni" tfisser sitwazzjoni fejn it-talbiet kollha mill-parteciċipanti fis-suq biex isir kummerċ ma jistgħux jintlaqgħu peress li kieku jaffettwaw b'mod sinifikanti l-flussi fiżiċi tal-elementi tan-netwerk li ma jistgħux jakkomodaw dawk

jistgħux jakkomodaw daww il-flussi;

il-flussi;

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni oriġinali tistipula li l-konġestjonijiet jistgħu jseħħu biss bejn żewġ żoni tal-offerti u mhux fi ħdan żona tal-offerti. Hija meħtieġa wkoll emenda sabiex ikun hemm allinjament mad-definizzjoni taż-żona tal-offerti.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni

(u) "mekkaniżmu ta' kapaċità" tfisser miżura amministrattiva biex tiġi żgurata l-kisba tal-livell ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija ***mixtieq*** mir-riżorsi għar-remunerazzjoni għad-disponibbiltà tagħhom u li teskludi l-miżuri relatati mas-servizzi anċillari;

Emenda

(u) "mekkaniżmu ta' kapaċità" tfisser miżura amministrattiva biex tiġi żgurata l-kisba tal-livell ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija ***meħtieġ*** mir-riżorsi għar-remunerazzjoni għad-disponibbiltà tagħhom u li teskludi l-miżuri relatati mas-servizzi anċillari, ***adottata skont dan ir-Regolament, bir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u bil-prinċipji tan-neċessità, il-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni;***

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) "riserva strateġika" tfisser mekkaniżmu ta' kapaċità li fih ***isir*** id-dispaċċ ***tar-riżorsi*** biss f'każ li s-swieq ta' ġurnata bil-quddiem ***u tal-istess ġurnata*** jonqsu milli jikklijaw, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jkunu eżawrew ir-riżorsi ta' bilanċjar tagħhom biex jistabbilixxu ekwilibru bejn id-domanda u l-provvista u l-iżbilanċi fis-suq matul il-perjodu fejn ikun sar id-dispaċċ tar-riservi jiġu saldati skont il-valur tat-tagħbija mitlufa;

Emenda

(v) "riserva strateġika" tfisser mekkaniżmu ta' kapaċità li fih ***ir-riżorsi jinżammu barra s-suq u jsir*** id-dispaċċ ***tagħhom*** biss f'każ li s-swieq ta' ġurnata bil-quddiem jonqsu milli jikklijaw, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jkunu eżawrew ir-riżorsi ta' bilanċjar tagħhom biex jistabbilixxu ekwilibru bejn id-domanda u l-provvista u l-iżbilanċi fis-suq matul il-perjodu fejn ikun sar id-dispaċċ tar-riservi jiġu saldati skont il-valur tat-tagħbija mitlufa;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-prezzijiet għandhom **jìgu stabbiliti skont id-domanda** u l-provvista;

Emenda

(a) il-prezzijiet għandhom **b'mod ġenerali jirriflettu d-domanda** u l-provvista;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għandhom jìgu evitati l-azzjonijiet li jipprevjenu l-formazzjoni tal-prezzijiet abbażi tad-domanda u tal-provvista **jew li jikkostitwixxu diżinċentiv għall-iżvilupp ta' ġenerazzjoni aktar flessibbli, ġenerazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew domanda aktar flessibbli;**

Emenda

(b) għandhom jìgu evitati l-azzjonijiet li jipprevjenu l-formazzjoni tal-prezzijiet abbażi tad-domanda u tal-provvista **ħlief jekk ikollhom l-għan li jistabbilixxu s-solidarjetà u d-distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet u jikkunsidraw kif xieraq lill-konsumaturi f'faqar enerġetiku;**

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) għandhom jìgu **promossi l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni aktar flessibbli, ġenerazzjoni b'livell baxx ta' karbonju u domanda aktar flessibbli;**

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) **l-atturi tas-suq għandhom jintalbu**

jivvalutaw ir-riskju ta' detriment li joħlqu l-prodotti u s-servizzi l-ġodda għall-klijenti mill-unitajiet domestiċi, u jfasslu l-offerti tagħhom kif xieraq;

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw l-iżviluppi tas-suq u jimmodifikaw il-protezzjonijiet kif meħtieġ;

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) il-parteċipazzjoni fis-suq tal-konsumaturi u tan-negozji ż-żgħar għandha ssir bl-aggregazzjoni tal-ġenerazzjoni minn faċilitajiet multipli ta' ġenerazzjoni jew ta' tagħbija minn faċilitajiet multipli tad-domanda biex jipprovdu offerti konġunti dwar is-suq tal-elettriku u jitħaddmu b'mod konġunt fis-sistema tal-elettriku, soġġetti għall-konformità mar-regoli tat-Trattat tal-UE dwar il-kompetizzjoni;

(d) il-parteċipazzjoni fis-suq tal-konsumaturi u tan-negozji ż-żgħar għandha ssir ***b'mod individwali, kollettiv, permezz tal-parteċipazzjoni f'komunità tal-enerġija lokali, u mħeġġa*** bl-aggregazzjoni tal-ġenerazzjoni minn faċilitajiet multipli ta' ġenerazzjoni jew ta' tagħbija minn faċilitajiet multipli tad-domanda biex jipprovdu offerti konġunti dwar is-suq tal-elettriku u jitħaddmu b'mod konġunt fis-sistema tal-elettriku, soġġetti għall-konformità mar-regoli tat-Trattat tal-UE dwar il-kompetizzjoni;

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-prinċipji ġenerali għas-suq tal-elettriku tal-UE jipprovdu bażi għar-rikonossiment u l-inkoraġġiment tal-forom kollha ta' parteċipazzjoni attiva mill-konsumaturi, mhux biss permezz tal-aggregazzjoni.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ir-regoli tas-suq għandhom jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi **jippermettu l-integrazzjoni** tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u **jipprovdu inċentivi** għall-effiċjenza fl-enerġija;

Emenda

(e) ir-regoli tas-suq għandhom jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi **jipprovdu inċentivi għall-integrazzjoni** tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza fl-enerġija;

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) ir-regoli tas-suq għandhom **iwasslu** għal inċentivi xierqa ta' investiment għall-ġenerazzjoni, il-ħżin, l-effiċjenza fl-enerġija u r-rispons tad-domanda biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq u b'hekk jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

Emenda

(f) ir-regoli tas-suq għandhom **jimmiraw li jwasslu** għal inċentivi xierqa ta' investiment għall-ġenerazzjoni, **b'mod partikolari investimenti ta' terminu twil f'ġenerazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**, il-ħżin, l-effiċjenza fl-enerġija u r-rispons tad-domanda biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq u b'hekk jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) għandhom **jiġu evitati** l-ostakoli għall-flussi transkonfinali tal-elettriku u għat-tranżazzjonijiet transkonfinali dwar is-swieq tal-elettriku u s-servizzi relatati;

Emenda

(g) għandhom **jitneħħew** l-ostakoli għall-flussi transkonfinali tal-elettriku u għat-tranżazzjonijiet transkonfinali dwar is-swieq tal-elettriku u s-servizzi relatati;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

PE609.648v05-00

20/81

AD\1141552MT.docx

Test propost mill-Kummissjoni

(i) ir-riżorsi kollha ta' ġenerazzjoni, ħżin u domanda għandhom jipparteċipaw fis-suq fuq bażi ugwali;

Emenda

(i) ir-riżorsi kollha ta' ġenerazzjoni, ħżin u domanda għandhom jipparteċipaw fis-suq fuq bażi ugwali ***b'mod li jagħti rendikont tal-benefiċċji u l-kostijiet li kull waħda ttiprovdi għall-ambjent u s-sistema, is-sostenibbiltà tagħhom, u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 u d-Direttiva (UE) .../... [id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli];***

Emenda 35

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt m**

Test propost mill-Kummissjoni

(m) ir-regoli tas-suq għandhom jippermettu d-dħul u l-ħruġ tal-impriżi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u tal-provvista tal-elettriku skont il-valutazzjoni tagħhom tal-vijabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-operazzjonijiet tagħhom;

Emenda

(m) ir-regoli tas-suq għandhom jippermettu d-dħul u l-ħruġ tal-impriżi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, ***il-ħżin tal-enerġija*** u tal-provvista tal-elettriku skont il-valutazzjoni tagħhom tal-vijabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-operazzjonijiet tagħhom;

Ġustifikazzjoni

Peress li l-ħżin huwa ddefinit bħala attività separata fis-sistema tal-elettriku, l-impriżi tal-ħżin jeħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' dħul u ħruġ fis-suq fuq l-istess bażi bħal atturi oħra fis-suq.

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Tranżizzjoni ġusta

Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-

Istati Membri li jimplimentaw strateġija nazzjonali għat-tnaqqis progressiv tal-kapaċità installata mħaddma bil-faħam ta' ġenerazzjoni u ta' estrazzjoni bil-mezzi kollha disponibbli, inkluż appoġġ finanzjarju mmirat li jippermetti "tranżizzjoni ġusta" fir-reġjuni affettwati minn bidla strutturali. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-impatti soċjali, l-impatti fuq il-ħiliet u l-impatti industrijali tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-Kummissjoni għandha taħdem fi sħubija mill-qrib mal-atturi fir-reġjuni b'intensità qawwija ta' faħam u ta' karbonju, tipprovdi gwida, b'mod partikolari għall-aċċess għall-fondi u programmi disponibbli, u għall-użu tagħhom, u tħeġġeġ skambju ta' Prattiki tajba, inklużi diskussjonijiet dwar pjanijiet direzzjonali industrijali u ħtiġijiet ta' taħriġ mill-ġdid, permezz ta' pjattaformi mmirati, inkluż permezz tal-inizjattiva ta' tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema u l-komunitajiet stabbilita fir-Regolament (EU) .../... [Ir-Regolament dwar il-Governanza].

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-parteciċipanti kollha fis-suq għandhom jimmiraw għal sistema bbilanċjata u li jkunu responsabbli finanzjarjament mill-iżbilanċi li jikkawżaw fis-sistema. Dawn għandhom ikunu partijiet inkarigati mill-ibbilanċjar jew jiddelegaw ir-responsabbiltà tagħhom lil parti inkarigata mill-ibbilanċjar tal-għażla tagħhom.

Emenda

1. Il-parteciċipanti kollha fis-suq għandhom jimmiraw għal sistema bbilanċjata u li jkunu responsabbli finanzjarjament mill-iżbilanċi li jikkawżaw fis-sistema ***bil-kundizzjoni li l-parteciċipanti kollha tas-suq ikollhom aċċess għal swieq tal-ibbilanċjar u swieq tal-istess ġurnata skont l-Artikoli 5 u 6.*** Dawn għandhom ikunu partijiet inkarigati mill-ibbilanċjar jew jiddelegaw ir-responsabbiltà tagħhom lil parti inkarigata mill-ibbilanċjar tal-għażla tagħhom.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu deroga mill-ibbilanċjar tar-responsabbiltà fir-rigward ta':

Emenda

2. L-Istati Membri jistgħu, **wara li jikkonsultaw lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni**, jipprovdu deroga mill-ibbilanċjar tar-responsabbiltà fir-rigward ta':

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **proġetti ta' dimostrazzjoni;**

Emenda

imħassar

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) installazzjonijiet li jibbenefikaw minn appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni taħt ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 sa 109 tat-TFUE u kkummissjonati qabel [OP: dħul fis-seħħ]. L-Istati Membri jistgħu, soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, **jinċentivaw** lill-parteċipanti fis-suq li huma eżentati kompletament jew parzjalment **mill-ibbilanċjar** tar-responsabbiltà, biex jaċċettaw l-ibbilanċjar sħiħ tar-responsabbiltà jekk jiġu kkumpensati kif xieraq.

Emenda

(c) installazzjonijiet li jibbenefikaw minn appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni taħt ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 sa 109 tat-TFUE u kkummissjonati qabel [OP: dħul fis-seħħ]. L-Istati Membri jistgħu, soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, **jipprovdu incenivi** lill-parteċipanti fis-suq li huma eżentati kompletament jew parzjalment **fir-rigward tal-konsegwenzi finanzjarji tal-ibbilanċjar** tar-responsabbiltà, biex jaċċettaw l-ibbilanċjar sħiħ tar-responsabbiltà jekk jiġu kkumpensati kif xieraq.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-parteciċpanti kollha fis-suq għandu jkollhom aċċess għas-suq tal-ibbilanċjar, sew jekk b'mod individwali u sew jekk b'mod aggregat. Ir-regoli u l-prodotti tas-suq tal-ibbilanċjar għandhom jirrispettaw il-ħtieġa li jakkomodaw l-ishma dejjem akbar ta' ġenerazzjoni varjabbli, iż-żieda fir-rispons tad-domanda u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

Emenda

1. Il-parteciċpanti kollha fis-suq għandu jkollhom aċċess *sħiħ* għas-suq tal-ibbilanċjar, sew jekk b'mod individwali u sew jekk b'mod aggregat. Ir-regoli u l-prodotti tas-suq tal-ibbilanċjar għandhom jirrispettaw il-ħtieġa li jakkomodaw l-ishma dejjem akbar ta' ġenerazzjoni varjabbli, iż-żieda fir-rispons tad-domanda u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-swieq tal-ibbilanċjar għandhom jiġu organizzati b'tali mod li jiżguraw in-nondiskriminazzjoni effettiva bejn il-parteciċpanti fis-suq *filwaqt li jqisu l-kapaċità teknika differenti ta' ġenerazzjoni mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli u mir-rispons fin-naħa tad-domanda u tal-ħżin.*

Emenda

2. Is-swieq tal-ibbilanċjar għandhom jiġu organizzati b'tali mod li jiżguraw in-nondiskriminazzjoni effettiva bejn il-parteciċpanti fis-suq. *Is-swieq tal-ibbilanċjar għandhom jiġu ddisinjati biex jippermettu l-parteciċpazzjoni massima tas-sorsi rinovabbli, inkluża b'mod partikolari l-ġenerazzjoni żgħira deċentralizzata u distribwita. Ir-regoli tas-suq tal-ibbilanċjar għandhom jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija jkollhom aċċess proporzjonat u sempliċi għas-suq.*

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Id-dimensjoni tal-kapaċità ta' riserva għandha titwettaq fuq livell reġjonali skont il-punt 7 tal-Anness I. Iċ-

Emenda

7. Id-dimensjoni tal-kapaċità ta' riserva għandha titwettaq fuq livell reġjonali skont il-punt 7 tal-Anness I. Iċ-

ċentri **operazzjonali** reġjonali għandhom jappoġġaw lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fl-istabbiliment tal-ammont ta' kapaċità ta' bbilanċjar li jrid jiġi akkwistat skont il-punt 8 tal-Anness I.

ċentri **ta' koordinazzjoni** reġjonali għandhom jappoġġaw lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fl-istabbiliment tal-ammont ta' kapaċità ta' bbilanċjar li jrid jiġi akkwistat skont il-punt 8 tal-Anness I.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-akkwist tal-kapaċità ta' bbilanċjar għandu jiġi ffaċilitat fuq livell reġjonali skont il-punt 8 tal-Anness I. L-akkwist għandu jkun ibbażat fuq suq primarju u **organizzat b'tali mod li** ma jkunx diskriminatorju bejn il-parteciċipanti fis-suq fil-proċess ta' prekwalfikazzjoni **sew jekk** b'mod individwali **u sew jekk b'mod aggregat**.

Emenda

8. L-akkwist tal-kapaċità ta' bbilanċjar għandu jiġi ffaċilitat fuq livell reġjonali skont il-punt 8 tal-Anness I. L-akkwist għandu jkun ibbażat fuq suq primarju u ma jkunx diskriminatorju bejn il-parteciċipanti fis-suq fil-proċess ta' prekwalfikazzjoni, **anke b'mod partikolari meta l-parteciċipazzjoni sseħħ** b'mod individwali **jew permezz ta' aggregazzjoni**.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-akkwist tal-kapaċità ta' bbilanċjar 'il fuq u tal-kapaċità ta' bbilanċjar 'l isfel għandu jitwettaq b'mod separat. L-ikkuntrattar għandu jsir biss sa ġurnata qabel l-għoti tal-kapaċità ta' bbilanċjar u l-perjodu ta' kkuntrattar għandu jkollu perjodu massimu ta' ġurnata.

Emenda

9. L-akkwist tal-kapaċità ta' bbilanċjar 'il fuq u tal-kapaċità ta' bbilanċjar 'l isfel għandu jitwettaq b'mod separat. L-ikkuntrattar għandu jsir biss sa ġurnata qabel l-għoti tal-kapaċità ta' bbilanċjar u l-perjodu ta' kkuntrattar għandu jkollu perjodu massimu ta' ġurnata. **Skont l-Artikolu 34(6) u l-Artikolu 36(10) tal-linji gwida tal-ibbilanċjar, kull operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jista' jissottometti proposta lill-awtorità regolatorja kompetenti fejn jitlob l-eżenzjoni mir-regoli tal-akkwist skont dan il-paragrafu.**
Dawn it-talbiet għal eżenzjoni għandhom jinkludu:

- (a) *speċifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien li matulu tapplika l-eżenzjoni;*
- (b) *speċifikazzjoni tal-volum ta' kapaċità ta' bbilanċjar li għalih tapplika l-eżenzjoni;*
- (c) *analiżi tal-impatt ta' tali eżenzjoni fuq il-parteeipazzjoni ta' riżorsi ta' bbilanċjar; u*
- (d) *ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni li turi li tali eżenzjoni twassal għal effiċjenza ekonomika ogħla.*

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) *ikunu organizzati b'tali mod li* ma jkunux diskriminatorji;

(a) ma jkunux diskriminatorji;

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata għandu jkollu effett legali mingħajr ebda azzjoni addizzjonali mill-Istati Membri.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-operaturi tas-suq għandhom jipprovdu għall-kummerċ fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata prodotti li huma ta' daqs żgħir biżżejjed, b'daqsijiet massimi tal-offerti ta' 1 Megawatt jew inqas, biex jippermettu l-parteeipazzjoni effettiva tar-rispons finaħa tad-domanda, tal-ħżin tal-enerġija u tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira.

3. L-operaturi tas-suq għandhom jipprovdu għall-kummerċ fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata prodotti li huma ta' daqs żgħir biżżejjed, b'daqsijiet massimi tal-offerti ta' 1 Megawatt jew inqas, biex jippermettu l-parteeipazzjoni effettiva tar-rispons finaħa tad-domanda, tal-ħżin tal-enerġija u tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira, ***inkluż għal komunitajiet tal-enerġija permezz ta' aċċess proporzjonat u sempliċi.***

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ma għandu jkun hemm l-ebda limitu massimu tal-prezz tal-elettriku bl-ingrossa sakemm ma jiġix stabbilit fil-valur tat-tagħbija mitlufa, kif stabbilit skont l-Artikolu 10. Ma għandu jkun hemm l-ebda limitu minimu tal-prezz tal-elettriku bl-ingrossa sakemm ma jiġix stabbilit fil-valur ta' - EUR 2000 jew inqas u, f'każ li jintlaħaq jew ikun previst li jintlaħaq, jiġi stabbilit f'valur iktar baxx għall-ġurnata ta' wara. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika, fost l-oħrajn, għall-offerti u l-ikklijar fil-perjodi kollha ta' żmien u tinkludi l-enerġija ta' bilanċjar u l-prezzijiet tal-iżbilanċ.

Emenda

1. Ma għandu jkun hemm l-ebda limitu massimu tal-prezz tal-elettriku bl-ingrossa sakemm ma jiġix stabbilit fil-valur tat-tagħbija mitlufa, kif stabbilit skont l-Artikolu 10. ***Fi swieq interkonnessi sew, dawn il-limiti massimi għandhom jiġu stabbiliti fl-istess livell madwar iż-żoni tal-offerti u s-swieq kollha biex jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq.*** Ma għandu jkun hemm l-ebda limitu minimu tal-prezz tal-elettriku bl-ingrossa sakemm ma jiġix stabbilit fil-valur ta' - EUR 2000 jew inqas u, f'każ li jintlaħaq jew ikun previst li jintlaħaq, jiġi stabbilit f'valur iktar baxx għall-ġurnata ta' wara. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika, fost l-oħrajn, għall-offerti u l-ikklijar fil-perjodi kollha ta' żmien u tinkludi l-enerġija ta' bilanċjar u l-prezzijiet tal-iżbilanċ.

Ġustifikazzjoni

Fi swieq interkonnessi sew, għandu jiġi żgurat limitu tekniku tal-prezz. Mingħajr limiti uniformi bħal dawn, l-ineffiċjenzi jistgħu jseħħu fi żminijiet ta' skarsezza peress li l-parteċipanti fis-suq ikunu kostretti artifiċjalment fil-kompetizzjoni transkonfinali għall-enerġija b'differenzi fil-kapaċità tal-offerti tal-prezzijiet.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta jsir id-dispaċċ tal-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jagħtu prijorità lill-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja minn

Emenda

2. Meta jsir id-dispaċċ tal-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ***u ta' distribuzzjoni*** għandhom jagħtu prijorità lill-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni ***u ta' ħżin*** li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta'

installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni żgħar jew installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw teknoloġiji emerġenti sabiex:

- (a) jiġġeneraw installazzjonijiet li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja b'kapaċità tal-elettriku installata ta' inqas minn 500 kW; jew
- (b) proġetti ta' dimostrazzjoni għat-teknoloġiji innovattivi.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***Il-ġenerazzjoni ta' installazzjonijiet*** li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li ġew ikkummissjonati qabel [OP: id-dħul fis-seħħ] u, meta ġew ikkummissjonati, kienu soġġetti għal dispaċċ ta' prijorità skont l-Artikolu 15(5) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹ għandhom jibqgħu soġġetti għad-dispaċċ ta' prijorità. Id-dispaċċ ta' prijorità ma għandux jibqa' japplika mid-data li fiha ***l-ġenerazzjoni ta' installazzjoni*** tkun soġġetta għal modifiki sinifikanti, f'każ li mill-inqas ikun meħtieġ ftehim ta' konnessjoni ġdid jew tiżdied il-kapaċità ta' ġenerazzjoni.

¹. Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE

effiċjenza għolja minn installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni żgħar jew installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw teknoloġiji emerġenti sabiex:

- (a) jiġġeneraw installazzjonijiet li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja b'kapaċità tal-elettriku installata ta' inqas minn 500 kW; jew
- (b) proġetti ta' dimostrazzjoni għat-teknoloġiji innovattivi.

Emenda

4. ***Sabiex jinżamm qafas regolatorju stabbli għall-investituri, l-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni jew tal-ħżin tal-enerġija*** li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li ġew ikkummissjonati qabel [OP: id-dħul fis-seħħ] u, meta ġew ikkummissjonati, kienu soġġetti għal dispaċċ ta' prijorità skont l-Artikolu 15(5) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹ għandhom jibqgħu soġġetti għad-dispaċċ ta' prijorità. Id-dispaċċ ta' prijorità ma għandux jibqa' japplika mid-data li fiha ***l-installazzjoni ta' ġenerazzjoni jew ta' ħżin*** tkun soġġetta għal modifiki sinifikanti, f'każ li mill-inqas ikun meħtieġ ftehim ta' konnessjoni ġdid jew tiżdied il-kapaċità ta' ġenerazzjoni ***jew ta' ħżin***.

¹. Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu, soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat, jinċentivaw lill-parteċipanti fis-suq li huma soġġetti għall-aċċess ta' prijorità biex ma jiddux sehem fid-dispaċċ ta' prijorità jekk jiġu kkumpensati kif xieraq.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu permezz tal-proċess ta' rapportar dwar is-suq intern tal-enerġija kif previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) .../... [Ir-Regolament dwar il-Governanza].

Qabel it-tneħħija tad-dispaċċ ta' prijorità skont il-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li s-swieq kollha jkunu miftuħa bis-sħiħ, inklużi s-servizzi anċillari kollha, għall-parteċipazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinovabbli, li r-regoli tad-dispaċċ ikunu kompletament trasparenti u bbażati fuq is-suq, li metodoloġija trasparenti relatata mar-regoli tat-tnaqqis tkun ġiet stabbilita u li t-tneħħija tad-dispaċċ ta' prijorità għall-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni bl-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli ma tfixkilx il-kontribuzzjoni tagħhom:

(a) għall-mira tal-UE għall-2030 kif previst fid-Direttiva dwar il-promozzjoni

tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(b) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni b'tal-inqas 40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030, kif previst fl-impenn għal tnaqqis maħsub determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-riżorsi mnaqqsa jew dispaċċati mill-ġdid għandhom jintgħażlu fost il-faċilitajiet ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda li jitfegħu l-offerti tagħhom għat-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid billi jintużaw mekkaniżmi bbażati fuq is-suq u jkunu kkumpensati finanzjarjament. It-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid ta' ġenerazzjoni jew id-dispaċċ mill-ġdid tar-rispons tad-domanda mhux ibbażati fuq is-suq għandhom jintużaw biss jekk ma tkun disponibbli l-ebda alternattiva oħra bbażata fuq is-suq, jekk ir-riżorsi bbażati fuq is-suq ikunu ntużaw kollha, jew jekk l-għadd ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda disponibbli fiż-żona fejn ikunu qegħdin il-faċilitajiet xierqa ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda għall-għoti tas-servizz ikun żgħir wisq biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva. Il-provvista ta' riżorsi bbażati fuq is-suq għandha tkun miftuħa għat-teknoloġiji kollha ta' ġenerazzjoni, għall-ħżin u għar-rispons tad-domanda, inklużi l-operaturi li jinsabu fi Stati Membri oħra sakemm ma jkunux teknikament vijabbli.

Emenda

2. Ir-riżorsi mnaqqsa jew dispaċċati mill-ġdid għandhom jintgħażlu fost il-faċilitajiet ta' ġenerazzjoni, **ħżin** jew ta' domanda li jitfegħu l-offerti tagħhom għat-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid billi jintużaw mekkaniżmi bbażati fuq is-suq u jkunu **kompletament** kkumpensati finanzjarjament. **Il-parteciċipazzjoni fil-mekkaniżmi bbażati fuq is-suq għandha tkun volontarja għall-parteciċipanti kollha fis-suq, inkluża b'mod partikolari ġenerazzjoni żgħira deċentralizzata u distribwita.** It-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid ta' ġenerazzjoni jew id-dispaċċ mill-ġdid tar-rispons tad-domanda mhux ibbażati fuq is-suq għandhom jintużaw biss jekk ma tkun disponibbli l-ebda alternattiva oħra bbażata fuq is-suq, jekk ir-riżorsi bbażati fuq is-suq ikunu ntużaw kollha, jew jekk l-għadd ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda disponibbli fiż-żona fejn ikunu qegħdin il-faċilitajiet xierqa ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda għall-għoti tas-servizz ikun żgħir wisq biex jiżgura l-kompetizzjoni effettiva. Il-provvista ta' riżorsi bbażati fuq is-suq għandha tkun miftuħa għat-teknoloġiji kollha ta' ġenerazzjoni, għall-ħżin u għar-rispons tad-

domanda, inklużi l-operaturi li jinsabu fi Stati Membri oħra sakemm ma jkunux teknikament vijabbli.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-operaturi responsabbli mis-sistema għandhom jirrappurtaw mill-inqas darba fis-sena lill-awtorità regolatorja kompetenti ***dwar it-tnaqqis jew id-dispaċċ*** mill-ġdid 'l isfel tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u ***dwar il-miżuri meħuda biex fil-futur titnaqqas il-ħtieġa għal dan it-tnaqqis jew għad-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel***. It-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandhom ikunu soġġetti għal kumpens skont il-paragrafu 6.

Emenda

3. L-operaturi responsabbli mis-sistema għandhom jirrappurtaw mill-inqas darba fis-sena lill-awtorità regolatorja kompetenti u ***lill-ACER***:

- ***dwar il-livell ta' żvilupp u effettività tat-tnaqqis jew tad-dispaċċ mill-ġdid ibbażati fuq is-suq għall-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, ħżin tal-enerġija jew rispons tad-domanda;***
- ***dwar ir-raġunijiet, il-volumi u t-tipi ta' teknoloġiji soġġetti għat-tnaqqis jew tad-dispaċċ*** mill-ġdid 'l isfel tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;
- ***dwar il-miżuri meħuda biex titnaqqas il-ħtieġa tat-tnaqqis jew tad-dispaċċ 'l isfel; u***
- ***dwar talbiet u arranġamenti kuntrattwali li jsiru ma' unitajiet ta' ġenerazzjoni sabiex ikunu jistgħu joperaw fuq livell speċifiku ta' forniment tal-elettriku. l-operaturi tas-sistema għandhom jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' tali***

arranġamenti, u sa fejn dawn is-servizzi ma setgħux jiġu pprovduti minn riżorsi oħra; billi jistabbilixxu jekk dan kienx konformi mal-mod bl-anqas spiża biex jintlaħqu l-miri mal-Unjoni kollha.

Ir-Regolaturi għandhom jivvalutaw l-interess tas-suq darba fis-sena.

It-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni **jew ta' ħżin** li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandhom ikunu soġġetti għal kumpens skont il-paragrafu 6.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jiżguraw il-kapaċità tan-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni biex jittrażmettu l-elettriku prodott mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja bl-inqas tnaqqis jew dispaċċ mill-ġdid possibbli. Dan ma għandux iwaqqaf l-ippjanar tan-netwerk milli jqis it-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid limitat, meta dan ikun jidher ekonomikament aktar effiċjenti u ma jaqbix il-5 % tal-kapaċitajiet installati li jużaw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja **fiż-żona tagħhom**;

Emenda

(a) jiżguraw il-kapaċità tan-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni biex jittrażmettu l-elettriku prodott **jew maħżun** mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja bl-inqas tnaqqis jew dispaċċ mill-ġdid possibbli. Dan ma għandux iwaqqaf l-ippjanar tan-netwerk milli jqis it-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid limitat, meta dan ikun jidher ekonomikament aktar effiċjenti u ma jaqbix il-5 % tal-kapaċitajiet installati **jew maħżuna** li jużaw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, **ir-rispons tad-domanda** jew il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja **fil-punt ta' konnessjoni, dment li ssir konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati qabel l-approvazzjoni tiegħu**;

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **jieħdu miżuri operazzjonali xierqa**

Emenda

(b) **jiżguraw li n-netwerks tagħhom**

relatati mal-grilja u mas-suq biex jiġi minimizzat it-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel tal-elettriku prodott mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-ġenerazzjoni ta' installazzjonijiet li jużaw koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja għandhom ikunu soġġetti biss għad-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel jew għat-tnaqqis jekk appartu t-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ma tkun teżisti l-ebda alternattiva oħra jew jekk soluzzjonijiet oħra jirriżultaw f'kostijiet jew f'riskji sproporzjonati għas-sigurtà tan-netwerk;

ikunu flessibbli biżżejjed b'tali mod li jkunu f'pożizzjoni li jimmaniġġjaw in-netwerks tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu [51] tad-Direttiva .../... [id-Direttiva dwar l-Elettriku].

Emenda

(ba) jieħdu miżuri operazzjonali xierqa relatati mal-grilja u mas-suq biex b'mod effiċjenti jakkomodaw l-elettriku kollu prodott mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u jimminimizzaw it-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel tagħhom.

Emenda

(b) il-ġenerazzjoni ta' installazzjonijiet li jużaw koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja **u b'mod partikolari, meta:**

(i) l-għan primarju ta' dawn l-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni huwa li jipproduċu s-sħana għall-proċessi ta' produzzjoni tas-sit industrijali kkonċernat;

(ii) il-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija hija interkonnessa b'mod inseparabbli, b'tali mod li kwalunkwe bidla fil-ġenerazzjoni tas-sħana tirriżulta

involontarjament f'bidla fil-ġenerazzjoni tal-enerġija attiva u viċi-versa;

għandhom ikunu soġġetti biss għad-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel jew għat-tnaqqis jekk appartu t-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ma tkun teżisti l-ebda alternattiva oħra jew jekk soluzzjonijiet oħra jirriżultaw f'kostijiet jew friskji sproporzjonati għas-sigurtà tan-netwerk;

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-elettriku awtoġenerat mill-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li ***ma jfornix in-netwerk ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni*** ma ***għandux jitnaqqas sakemm l-ebda soluzzjoni oħra ma ssolvi l-kwistjonijiet ta' sigurtà*** tan-netwerk;

Emenda

(c) l-elettriku awtoġenerat mill-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja li ***huwa maħsub primarjament għall-awtokonsum ma għandux jitnaqqas sakemm ma teżistix alternattiva jew jekk soluzzjonijiet oħra jirriżultaw f'riskji sproporzjonati għas-sigurtà*** tan-netwerk;

Emenda 60

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) id-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel jew it-tnaqqis skont ***l-ittri "a" sa "c"*** għandhom ikunu ġustifikati kif xieraq u b'mod trasparenti. Il-ġustifikazzjoni għandha tkun inkluża fir-rapport skont il-paragrafu 3.

Emenda

(d) id-dispaċċ mill-ġdid 'l isfel jew it-tnaqqis skont ***il-punti "a" sa "c" hawn fuq*** għandhom ikunu ġustifikati kif xieraq u b'mod trasparenti. Il-ġustifikazzjoni għandha tkun inkluża fir-rapport skont il-paragrafu 3.

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6**

6. Jekk ma jintuża l-ebda tnaqqis jew dispaċċ mill-ġdid ibbażat fuq is-suq, għandu jkun soġġett għal kumpens finanzjarju mill-operatur tas-sistema li jitlob it-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid lil sid il-faċilità ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda ta' tnaqqis jew ta' dispaċċ mill-ġdid. Il-kumpens finanzjarju għandu mill-inqas ikun daqs l-oġġla valur tal-elementi li ġejjin:

(a) il-kostijiet ta' tħaddim addizzjonali kkawżati mit-tnaqqis jew mid-dispaċċ mill-ġdid, bħall-kostijiet addizzjonali tal-fjuwil f'każ ta' dispaċċ mill-ġdid 'il fuq jew il-provvista ta' sħana ta' riserva f'każ ta' dispaċċ mill-ġdid 'l isfel jew ta' tnaqqis tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;

(b) **90** % tad-dħul nett mill-bejgħ tal-elettriku fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem li l-faċilità ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda kieku tiġġenera mingħajr it-talba ta' tnaqqis jew ta' dispaċċ mill-ġdid. Meta jingħata l-appoġġ finanzjarju lill-faċilitajiet ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda abbażi tal-volum tal-elettriku ġġenerat jew ikkonsmat, l-appoġġ finanzjarju mitluf għandu jitqies bħala parti mid-dħul nett.

6. Jekk ma jintuża l-ebda tnaqqis jew dispaċċ mill-ġdid ibbażat fuq is-suq, għandu jkun soġġett għal kumpens finanzjarju mill-operatur tas-sistema li jitlob it-tnaqqis jew id-dispaċċ mill-ġdid lil sid il-faċilità ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda ta' tnaqqis, **ħżin tal-enerġija** jew ta' dispaċċ mill-ġdid. Il-kumpens finanzjarju għandu mill-inqas ikun daqs l-oġġla valur tal-elementi li ġejjin:

(a) il-kostijiet ta' tħaddim addizzjonali kkawżati mit-tnaqqis jew mid-dispaċċ mill-ġdid, bħall-kostijiet addizzjonali tal-fjuwil f'każ ta' dispaċċ mill-ġdid 'il fuq jew il-provvista ta' sħana ta' riserva f'każ ta' dispaċċ mill-ġdid 'l isfel jew ta' tnaqqis tal-installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;

(b) **100** % tad-dħul nett mill-bejgħ tal-elettriku fis-suq ta' ġurnata bil-quddiem li l-faċilità ta' ġenerazzjoni, **ħżin tal-enerġija** jew ta' domanda kieku tiġġenera mingħajr it-talba ta' tnaqqis jew ta' dispaċċ mill-ġdid. Meta jingħata l-appoġġ finanzjarju lill-faċilitajiet ta' ġenerazzjoni jew ta' domanda abbażi tal-volum tal-elettriku ġġenerat jew ikkonsmat, l-appoġġ finanzjarju mitluf għandu jitqies bħala parti mid-dħul nett. **Il-kumpens sħiħ għandu jitħallas f'qafas ta' żmien raġonevoli wara li jkun seħħ it-tnaqqis.**

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)

6a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rrappurtata skont il-paragrafu 3 tiġi riflessa permezz tal-proċess ta' rappurtar nazzjonali dwar is-suq intern tal-enerġija, kif previst fl-Artikolu [21] tar-Regolament .../... [Ir-Regolament dwar il-Governanza].

Ġustifikazzjoni

Il-proċeduri ta' rrapportar għandhom jiġu ssimplifikati taħt ir-Regolament dwar il-Governanza biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6b. Fejn applikabbli, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ta' Stati Membri differenti għandhom jaqblu dwar tqassim ġust tal-kostijiet tad-dispaċċ mill-ġdid u tal-iskambju kompensatorju transkonfinali.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu wkoll arranġamenti għal dispaċċ mill-ġdid u skambju kompensatorju transkonfinali bejn fruntieri nazzjonali u dan loġikament isegwi minn paragrafi preċedenti ta' dan l-Artikolu.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-problemi dwar il-konġestjoni tan-netwerks għandhom jiġu indirizzati b'soluzzjonijiet mhux diskriminatorji bbażati fuq is-suq li jagħtu sinjali ekonomiċi effiċjenti lill-parteciċipanti fis-suq u lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-problemi dwar il-konġestjoni tan-netwerks għandhom jiġu riżolti b'metodi mhux ibbażati fuq tranżazzjonijiet, jiġifieri metodi li ma jinvolvux għażla minn fost il-kuntratti tal-parteciċipanti individwali fis-suq. Meta jieħu miżuri operazzjonali biex jiżgura li s-sistemi ta' trażmissjoni tiegħu jibqgħu fi stat normali, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jqis l-effett ta' dawk il-miżuri fuq iż-żoni ġirien ta' kontroll u jikkoordina dawk il-miżuri ma'

1. Il-problemi dwar il-konġestjoni tan-netwerks għandhom jiġu indirizzati b'soluzzjonijiet mhux diskriminatorji bbażati fuq is-suq **inklużi soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija u tal-ġestjoni tad-domanda** li jagħtu sinjali ekonomiċi effiċjenti lill-parteciċipanti fis-suq u lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-problemi dwar il-konġestjoni tan-netwerks għandhom jiġu riżolti b'metodi mhux ibbażati fuq tranżazzjonijiet, jiġifieri metodi li ma jinvolvux għażla minn fost il-kuntratti tal-parteciċipanti individwali fis-suq. Meta jieħu miżuri operazzjonali biex jiżgura li s-sistemi ta' trażmissjoni tiegħu jibqgħu fi stat normali, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jqis l-effett

operaturi oħra affettwati tas-sistema ta' trażmissjoni kif previst fir-Regolament (UE) 1222/2015.

ta' dawk il-miżuri fuq iż-żoni ġirien ta' kontroll u jikkoordina dawk il-miżuri ma' operaturi oħra affettwati tas-sistema ta' trażmissjoni kif previst fir-Regolament (UE) *Nru* 1222/2015.

Ġustifikazzjoni

F'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija u r-rispons tad-domanda tal-Artikoli 3(1 e,f), 16(2,8), 18(3), 19(4b), 25(2) u 55(1,l), il-loġika tar-regolament għandha tiġi applikata wkoll għall-ġestjoni tal-konġestjoni.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-kapaċità massima tal-interkonnessjonijiet u/jew tan-netwerks ta' trażmissjoni li taffettwa l-flussi transkonfinali għandha tkun disponibbli għall-parteciġipanti fis-suq u tikkonforma mal-istandards ta' sikurezza tat-tħaddim sigur tan-netwerk. L-iskambju kompensatorju u d-dispaċċ mill-ġdid, li jinkludi d-dispaċċ mill-ġdid transkonfinali, għandhom jintużaw biex ***jimmassimizzaw l-kapaċitajiet disponibbli sakemm ma jintweriex li mhux ta' benefiċċju għall-effiċjenza ekonomika fil-livell tal-Unjoni.***

Emenda

3. Il-kapaċità massima tal-interkonnessjonijiet u/jew tan-netwerks ta' trażmissjoni li taffettwa l-flussi transkonfinali għandha tkun disponibbli għall-parteciġipanti fis-suq u tikkonforma mal-istandards ta' sikurezza tat-tħaddim sigur tan-netwerk. L-iskambju kompensatorju u d-dispaċċ mill-ġdid, li jinkludi d-dispaċċ mill-ġdid transkonfinali, għandhom jintużaw biex ***jiggarantixxu s-sodezza tal-iskambju skedat fil-każ ta' tnaqqis tal-kapaċità netta ta' trasferiment disponibbli minħabba raġunijiet tas-sigurtà tas-sistema.***

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-imposti applikati minn operaturi tan-netwerks għall-aċċess għan-netwerks, inklużi l-imposti għall-konnessjoni man-netwerks, l-imposti għall-użu tan-netwerks u, fejn applikabbli, l-imposti għar-rinfurzar tan-netwerk, għandhom ikunu trasparenti, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għas-sigurtà u l-

Emenda

1. L-imposti applikati minn operaturi tan-netwerks għall-aċċess għan-netwerks, inklużi l-imposti għall-konnessjoni man-netwerks, l-imposti għall-użu tan-netwerks u, fejn applikabbli, l-imposti għar-rinfurzar tan-netwerk, għandhom ikunu trasparenti, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għas-sigurtà u l-

flessibbiltà tan-netwerk u jirriflettu l-kostijiet reali mġarrba sakemm jikkorrispondu għal dawk ta' operatur tan-netwerk effiċjenti u strutturalment komparabbli u jkunu applikati b'mod mhux diskriminatorju. B'mod partikolari, dawn għandhom jiġu applikati b'mod li ma jiddiskriminax bejn il-produzzjoni konnessa fil-livell ta' distribuzzjoni u l-produzzjoni konnessa fil-livell ta' trażmissjoni, kemm b'mod pożittiv kif ukoll b'mod negattiv. La għandhom **jiddiskriminaw** kontra l-ħżin tal-enerġija u lanqas ma għandhom joħolqu diżinċentivi għall-parteċipazzjoni fir-rispons tad-domanda.

flessibbiltà tan-netwerk u jirriflettu l-kostijiet reali mġarrba sakemm jikkorrispondu għal dawk ta' operatur tan-netwerk effiċjenti u strutturalment komparabbli u jkunu applikati b'mod mhux diskriminatorju. B'mod partikolari, dawn għandhom jiġu applikati b'mod li ma jiddiskriminax bejn il-produzzjoni konnessa fil-livell ta' distribuzzjoni u l-produzzjoni konnessa fil-livell ta' trażmissjoni, kemm b'mod pożittiv kif ukoll b'mod negattiv. La għandhom **jiddiskriminaw** kontra l-ħżin tal-enerġija, **b'mod speċifiku billi ma jkunx hemm imposti doppji fuq il-ħżin tal-enerġija, u l-aggregazzjoni** u lanqas ma għandhom joħolqu diżinċentivi **għall-awtoġenerazzjoni, l-awtokonsum, u** għall-parteċipazzjoni fir-rispons tad-domanda. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, dawk l-imposti ma għandhomx ikunu relatati mad-distanza.**

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. It-tariffi għandhom jagħtu inċentivi xierqa lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, kemm fuq perjodu qasir kif ukoll fuq perjodu twil, biex iżidu l-effiċjenzi, inkluża l-effiċjenza fl-enerġija, **irawwmu** l-integrazzjoni tas-suq u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u jappoġġaw l-investimenti u l-attivitajiet ta' riċerka relatati.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 7

Emenda

2. It-tariffi għandhom jagħtu inċentivi xierqa lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, kemm fuq perjodu qasir kif ukoll fuq perjodu twil, biex iżidu l-effiċjenzi, inkluża l-effiċjenza fl-enerġija, **irawmu** l-integrazzjoni tas-suq, **inkluż għal sorsi rinovabbli u faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija**, u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u jappoġġaw l-investimenti u l-attivitajiet ta' riċerka relatati.

7. It-tariffi ta' distribuzzjoni għandhom jirriflettu l-kost għall-użu tan-netwerk ta' distribuzzjoni mill-utenti tas-sistema inklużi l-klijenti attivi u jistgħu jkunu differenzjati abbażi tal-profilu ta' konsum jew ta' ġenerazzjoni tal-utenti tas-sistema. Jekk l-Istati Membri jkunu introduċew sistemi ta' kejl intelliġenti, l-awtoritajiet regolatorji jistgħu jintroduċu tariffi tan-netwerk differenzjati skont il-ħin, li jirriflettu l-użu tan-netwerk b'mod trasparenti u prevedibbli għall-klijent.

7. It-tariffi ta' distribuzzjoni għandhom jirriflettu l-kost għall-użu tan-netwerk ta' distribuzzjoni ***u l-benefiċċji tal-aċċess tiegħu*** mill-utenti tas-sistema inklużi l-klijenti attivi u jistgħu jkunu differenzjati abbażi tal-profilu ta' konsum, ***ta' ħżin*** jew ta' ġenerazzjoni tal-utenti tas-sistema. Jekk l-Istati Membri jkunu introduċew sistemi ta' kejl intelliġenti, l-awtoritajiet regolatorji jistgħu jintroduċu tariffi tan-netwerk differenzjati skont il-ħin, li jirriflettu l-użu tan-netwerk b'mod trasparenti u prevedibbli għall-klijent.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 8

8. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jipprovdu inċentivi lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni biex jakkwistaw servizzi għat-tħaddim u l-iżvilupp tan-netwerks tagħhom u jintegraw soluzzjonijiet fis-sistemi ta' distribuzzjoni. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jirrikonoxxu bħala eliġibbli u jinkludu l-kostijiet rilevanti kollha fit-tariffi ta' distribuzzjoni u jintroduċu miri ta' prestazzjoni sabiex jinċentivaw lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni biex iżidu l-effiċjenzi fin-netwerks tagħhom, ***inkluża l-effiċjenza fl-enerġija.***

8. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jipprovdu inċentivi lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni biex jakkwistaw servizzi għat-tħaddim u l-iżvilupp tan-netwerks tagħhom u jintegraw soluzzjonijiet fis-sistemi ta' distribuzzjoni. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jirrikonoxxu bħala eliġibbli u jinkludu l-kostijiet rilevanti kollha fit-tariffi ta' distribuzzjoni u jintroduċu miri ta' prestazzjoni sabiex jinċentivaw lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni biex iżidu l-effiċjenzi, ***inklużi l-effiċjenza fl-enerġija u l-flessibilità*** fin-netwerks tagħhom, ***u jippromwovu l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u ħżin tal-enerġija.***

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 9 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) it-tneħħija ta' inċentivi li huma ta' detriment għall-effiċjenza fl-enerġija u l-ġestjoni tad-domanda

Emenda 71

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 9 – punt fa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) il-metodi għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-awtokonsum, il-ġenerazzjoni deċentralizzata, il-ħżin u r-rispons tad-domanda, kif ukoll il-komplementarjetà tagħhom;

Emenda 72

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. **Kull dħul** li jirriżulta mill-allokkazzjoni ta' kapaċità ta' interkonnessjoni għandu jintuża għall-għanijiet li ġejjin:

2. **Id-dħul** li jirriżulta mill-allokkazzjoni ta' kapaċità ta' interkonnessjoni għandu jintuża għall-għanijiet li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet fl-ewwel parti tal-ittra (b) huma meħtieġa sabiex jirriflettu l-bqija tat-test. Mhuwiex possibbli li jiġu ddissoċjati l-partijiet differenti ta' dan l-Artikolu.

Emenda 73

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) biex iżomm jew iżid il-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni permezz ta' investimenti fin-netwerks, b'mod partikolari f'interkonnetturi ġodda.

(b) biex iżomm jew iżid il-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni permezz ta' investimenti fin-netwerks, b'mod partikolari f'interkonnetturi ġodda **u linji interni li huma elenkati fil-Pjan ta'**

Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Netwerk ta' ENTSOE bħala rilevanti biex inaqqsu l-konġestjoni tal-interkonnnettur, kif ukoll azzjonijiet ta' rimedju transkonfinali bħad-dispaċċ mill-ġdid u l-iskambju kompensatorju.

Jekk id-dħul ma jkunx jista' jintuża b'mod effiċjenti għall-finijiet stipulati fil-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu, **dan** għandu jitqiegħed f'linja ta' kont interna separata **biex tintuża fil-futur għal dawn il-finijiet.**

Jekk id-dħul ma jkunx jista' jintuża b'mod effiċjenti għall-finijiet stipulati fil-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu, **huwa jista' jintuża, bħala għażla residwa, soġġett għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri kkonċernati, sa ammont massimu li għandu jkun deċiż minn dawk l-awtoritajiet regolatorji, bħala introjtu li għandu jitqies mill-awtoritajiet regolatorji meta japprovaw il-metodoloġija għall-kalkolu tat-tariffi tan-netwerk, u/jew sabiex jistabbilixxu t-tariffi tan-netwerk. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu japprovaw din l-għażla biss f'każijiet fejn l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jieħu deċiżjoni ta' impenn li jwettaq il-proġetti kollha tal-interkonnnetturi li għandhom benefiċċju nett pożittiv u jkollu karta tal-bilanċ li tkun biżżejjed biex jiġu ffinanzjati dawn l-investimenti. Il-bqija tad-dħul għandu jitqiegħed f'linja ta' kont interna separata sakemm jasal iż-żmien li jista' jintefaq għall-finijiet stipulati fil-punti (a) u/jew (b) tal-ewwel subparagrafu. L-awtorità regolatorja għandha tinforma lill-Aġenzija bl-approvazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu.**

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet fl-ewwel parti tal-ittra (b) huma meħtieġa sabiex jirriflettu l-bqija tat-test. Mhuwiex possibbli li jiġu ddissoċjati l-partijiet differenti ta' dan l-Artikolu.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. *L-użu tad-dħul skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 għandu jkun soġġett għall-metodoloġija proposta mill-Aġenzija u approvata mill-Kummissjoni. Il-proposta tal-Aġenzija għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa [OP: 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ] u tiġi approvata fi żmien sitt xhur.*

imħassar

L-Aġenzija tista', fuq inizjattiva tagħha jew fuq talba mill-Kummissjoni, taġġorna l-metodoloġija u l-Kummissjoni għandha tapprova l-metodoloġija aġġornata sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tiġi ppreżentata.

Qabel tippreżentaha lill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tikkonsulta dwar il-metodoloġija skont l-Artikolu 15 [riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 713/2009 kif proposta mill-COM(2016) 863/2].

Il-metodoloġija għandha mill-inqas tagħti d-dettalji dwar il-kundizzjonijiet li skonthom id-dħul jista' jintuża għall-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 u l-kundizzjonijiet li skonthom, u għal kemm żmien, dawn jistgħu jitqiegħdu f'linja ta' kont interna separata għall-użu futur għal dawk l-għanijiet.

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. *L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu biċ-ċar minn qabel kif se jintuża kull introjtu mill-konġestjoni u jirrappurtaw dwar l-użu reali ta' dak l-introjtu. Fuq bażi annwali u sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jippubblikaw rapport li jistabbilixxi l-ammont ta' dħul miġbur għall-perjodu ta' 12-il xahar li jispiċċa fit-*

imħassar

30 ta' Ġunju tal-istess sena u kif intuża dak id-dħul, inklużi l-proġetti speċifiċi li l-introjtu ntuża għalihom jew l-ammont imqiegħed fuq linja ta' kont separata flimkien mal-verifika li dak l-użu jikkonforma ma' dan ir-Regolament u mal-metodoloġija żviluppata skont il-paragrafu 3.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-adegwatezza tar-riżorsi fit-territorju tagħhom abbażi tal-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi skont l-Artikolu 19.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-adegwatezza tar-riżorsi fit-territorju tagħhom ***u jirrapportaw dwarha*** abbażi tal-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi skont l-Artikolu 19, ***kif ukoll abbażi ta' valutazzjoni nazzjonali u reġjonali, skont il-ħtieġa.***

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta l-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi tidentifika tħassib għall-adegwatezza tar-riżorsi, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw kwalunkwe distorsjoni regolatorja li ***kkawżat*** jew li ***kellha*** sehem fil-ħolqien ta' dak it-tħassib.

Emenda

2. Meta l-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi tidentifika tħassib għall-adegwatezza tar-riżorsi, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw kwalunkwe distorsjoni regolatorja ***u fallimenti tas-suq*** li ***kkawżaw*** jew li ***kellhom*** sehem fil-ħolqien ta' dak it-tħassib.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw **skeda** ta' żmien għall-miżuri li jadottaw biex jeliminaw kull distorsjoni regolatorja identifikata. Meta jindirizzaw it-tħassib għall-adegwatezza tar-riżorsi l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari li jeliminaw id-distorsjonijiet regolatorji, japplikaw prezzijiet li jirriflettu n-nuqqas tad-domanda, jiżviluppaw interkonnessjonijiet, ħżin tal-enerġija, miżuri min-naħa tad-domanda u effiċjenza fl-enerġija.

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw **kalendarju** ta' żmien **u pjan ta' implimentazzjoni** għall-miżuri li jadottaw biex jeliminaw kull distorsjoni regolatorja identifikata **u azzjoni għall-indirizzar tal-fallimenti tas-suq**. Meta jindirizzaw it-tħassib għall-adegwatezza tar-riżorsi l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari li jeliminaw id-distorsjonijiet regolatorji, japplikaw prezzijiet li jirriflettu n-nuqqas tad-domanda, jiżviluppaw interkonnessjonijiet, ħżin tal-enerġija, miżuri min-naħa tad-domanda u effiċjenza fl-enerġija.

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu indikaturi biex jirrappurtaw dwar l-effettività tal-miżuri adottati skont il-paragrafu 3, u għandhom jirrevedu kif xieraq il-mekkaniżmi ta' kapaċità stabbiliti skont l-Artikolu 23.

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi għandha tkun ibbażata fuq metodoloġija li tiżgura li l-valutazzjoni:

(a) titwettaq fil-livell taż-żona tal-offerti li jkopri mill-inqas l-Istati Membri kollha;

(b) tkun ibbażata fuq xenarji xierqa ta'

4. Il-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi għandha tkun ibbażata fuq metodoloġija li tiżgura li l-valutazzjoni:

(a) titwettaq fil-livell taż-żona tal-offerti li jkopri mill-inqas l-Istati Membri kollha;

(b) tkun ibbażata fuq xenarji xierqa ta'

projezzjonijiet tad-domanda u tal-provvista inkluża valutazzjoni ekonomika tal-probabbiltà ta' rtirar, ta' ħolqien ġdid tal-assi ta' ġenerazzjoni u ta' miżuri biex jinkisbu l-miri tal-effiċjenza fl-enerġija u aspetti sensitivi xierqa dwar il-prezzijiet bl-ingrossa u l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-karbonju;

(c) tqis b'mod xieraq il-kontribuzzjoni tar-riżorsi kollha inkluża l-ġenerazzjoni eżistenti u futura, il-ħżin tal-enerġija, ir-rispons tad-domanda u l-possibiltajiet ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u l-kontribuzzjoni tagħhom għat-tħaddim flessibbli tas-sistema;

(d) tantiċipa l-impatt probabbli tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(3);

(e) tinkludi xenarji mingħajr mekkaniżmi ta' kapaċità eżistenti jew ipplanati;

(f) tkun ibbażata fuq mudell tas-suq li, fejn applikabbli, juża l-approċċ ibbażat fuq il-fluss;

(g) tapplika kalkoli probablistiċi;

(h) tapplika mill-inqas l-indikaturi li ġejjin:

– "l-enerġija mbassra mhux ipprovduta", u

– "tbassir tat-telf tat-tagħbija";

(i) tidentifika s-sorsi ta' tħassib possibbli ta' adegwatezza tar-riżorsi, tindika b'mod partikolari jekk ikunx ostakolu tan-netwerk jew tar-riżorsi, jew tat-tnejn li huma.

projezzjonijiet tad-domanda u tal-provvista inkluża valutazzjoni ekonomika tal-probabbiltà ta' rtirar, ta' *sospensjoni temporanja*, ta' ħolqien ġdid tal-assi ta' ġenerazzjoni u ta' miżuri biex jinkisbu l-miri tal-effiċjenza fl-enerġija *u tal-interkonnnessjoni tal-elettriku* u aspetti sensitivi xierqa dwar il-prezzijiet bl-ingrossa u l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-karbonju;

(c) tqis b'mod xieraq il-kontribuzzjoni tar-riżorsi kollha inkluża l-ġenerazzjoni eżistenti u futura, il-ħżin tal-enerġija, ir-rispons tad-domanda u l-possibiltajiet ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u l-kontribuzzjoni tagħhom għat-tħaddim flessibbli tas-sistema;

(d) tantiċipa l-impatt probabbli tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(3);

(e) tinkludi xenarji mingħajr mekkaniżmi ta' kapaċità eżistenti jew ipplanati;

(f) tkun ibbażata fuq mudell tas-suq li, fejn applikabbli, juża l-approċċ ibbażat fuq il-fluss;

(g) tapplika kalkoli probablistiċi;

(h) tapplika mill-inqas l-indikaturi li ġejjin:

– "l-enerġija mbassra mhux ipprovduta", u

– "tbassir tat-telf tat-tagħbija";

(i) tidentifika s-sorsi ta' tħassib possibbli ta' adegwatezza tar-riżorsi, tindika b'mod partikolari jekk ikunx ostakolu tan-netwerk jew tar-riżorsi, jew tat-tnejn li huma.

Emenda 81

Proposta għal regolament

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-proposti skont il-paragrafi 2 u 5 u r-riżultati tal-valutazzjoni Ewropea dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi skont il-paragrafu 3 għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni u approvazzjoni minn qabel mill-Aġenzija, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22.

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta japplikaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ standard ta' affidabbiltà li **jindika b'mod trasparenti** l-livell **mixtieq minnhom** ta' sigurtà tal-provvista **tal-enerġija**.

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-istandard ta' affidabbiltà għandu jkun stabbilit mill-awtorità regolatorja nazzjonali bbażat fuq il-metodoloġija skont l-Artikolu 19(5).

Emenda 84

Proposta għal regolament

PE609.648v05-00

46/81

Emenda

6. Il-proposti skont il-paragrafi 2 u 5, **ix-xenarji u s-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati** u r-riżultati tal-valutazzjoni Ewropea dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi skont il-paragrafu 3 għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni **tal-partijiet ikkonċernati kollha** u approvazzjoni minn qabel mill-Aġenzija, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22.

Emenda

1. Meta japplikaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ standard ta' affidabbiltà, li **għandu jindika** l-livell **meħtieġ** ta' sigurtà tal-provvista, **abbażi ta' analiżi kostijiet-benefiċċji trasparenti, oġġettiva, verifikabbli u bir-reqqa**.

Emenda

2. L-istandard ta' affidabbiltà għandu jkun stabbilit mill-awtorità regolatorja nazzjonali bbażat fuq il-metodoloġija skont l-Artikolu 19(5), **filwaqt li jitqiesu l-prinċipji ta' neċessità u ta' proporzjonalità u l-ħtieġa li jiġu evitati l-impatti negattivi tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u d-distorsjonijiet tas-suq bla bżonn, inkluża l-kapaċità żejda**.

AD\1141552MT.docx

Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. ***Kull sena ċ-ċentri operazzjonali reġjonali stabbiliti skont l-Artikolu 32*** għandhom ***jikkalkulaw il-kapaċità*** massima ta' dħul disponibbli għall-parteeċipazzjoni tal-kapaċità barranija filwaqt li jqisu d-disponibbiltà mistennija ta' interkonesjoni u l-konkorrenza probabbli ta' pressjoni fuq is-sistema bejn is-sistema fejn jiġi applikat il-mekkaniżmu u s-sistema fejn tkun tinsab il-kapaċità barranija. Jeħtieġ li jsir kalkolu għal kull konfini taż-żona tal-offerti.

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Biex jindirizzaw it-tħassib residwu li ma jistax jiġi eliminat bil-miżuri skont l-Artikolu 18(3), l-Istati Membri ***jistgħu jintroduċu mekkaniżmi ta' kapaċità, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u għar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.***

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. ***Meta jiġu applikati l-mekkaniżmi ta' kapaċità, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni*** għandhom ***jassistu lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti fil-kalkolu tal-kapaċità*** massima ta' dħul disponibbli għall-parteeċipazzjoni tal-kapaċità barranija filwaqt li jqisu d-disponibbiltà mistennija ta' interkonesjoni u l-konkorrenza probabbli ta' pressjoni fuq is-sistema bejn is-sistema fejn jiġi applikat il-mekkaniżmu u s-sistema fejn tkun tinsab il-kapaċità barranija. Jeħtieġ li jsir kalkolu għal kull konfini taż-żona tal-offerti.

Emenda

1. Biex jindirizzaw it-tħassib residwu li ma jistax jiġi eliminat bil-miżuri skont l-Artikolu 18(3), l-Istati Membri ***għandhom iħejju pjan li jipprevedi miżuri xierqa biex jindirizzaw dan it-tħassib, li għandhom jiġu implimentati fi żmien perjodu massimu ta' ħames snin.***

1a. Il-pjan skont il-paragrafu 1 għandu jkollu l-għan li jiżgura l-adekwatezza tar-riżorsi mingħajr rikors addizzjonali għall-mekkaniżmi ta' kapaċità, permezz ta' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (a) *il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli addizzjonali;*
- (b) *l-effiċjenza fl-enerġija;*
- (c) *ir-rispons min-naħa tad-domanda;*
- (d) *il-ħżin;*
- (e) *l-interkonnnessjoni.*

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. *Sakemm jiġi implimentat il-pjan skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu mekkaniżmi ta' kapaċità, jekk ikun meqjus fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatt u soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.*

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Jekk Stat Membru jkun jixtieq jimplimenta mekkaniżmu ta' kapaċità, dan għandu jikkonsulta dwar il-mekkaniżmu propost **mill-inqas** mal-Istati Membri ġirien tiegħu konnessi bl-elettriku.

2. Jekk Stat Membru jkun jixtieq jimplimenta mekkaniżmu ta' kapaċità, dan għandu jikkonsulta dwar il-mekkaniżmu propost **mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż** mal-Istati Membri ġirien tiegħu konnessi bl-elettriku.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità **la għandhom** joħolqu distorsjonijiet tas-suq bla bżonn u **lanqas** jillimitaw il-kummerċ transkonfinali. L-ammont ta' kapaċità impenjat fil-mekkaniżmu ma għandux imur lil hinn minn dak meħtieġ biex jindirizza t-tħassib.

3. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità **ma għandhomx** joħolqu distorsjonijiet tas-suq bla bżonn, **b'mod partikolari billi jiddiskriminaw kontra sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jiskoraġġixxu r-rikors għall-konsum flessibbli u għall-effiċjenza fl-enerġija, jew iżidu l-kostijiet għall-konsumaturi. Huma ma għandhomx jillimitaw il-kummerċ transkonfinali. It-tul taż-żmien u** l-ammont ta' kapaċità impenjat fil-mekkaniżmu ma għandux imur lil hinn minn dak meħtieġ biex jindirizza t-tħassib.

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-fornituri tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, fosthom kriterji ta' flessibilità. Tali kriterji għandu jkollhom l-għan li jimmassimizzaw il-kapaċità ta' kalar, u jimminimizzaw il-livell meħtieġ ta' output stabbli tal-impjanti tal-enerġija li jibbenefikaw minn mekkaniżmi ta' kapaċità.

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li għaliha tkun ittieħdet deċiżjoni finali ta' investiment wara [OP: Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni għandha tkun eliġibbli biss biex tipparteċipa f'mekkaniżmu ta' kapaċità jekk l-emissjonijiet tagħha jkunu anqas minn 550 gr CO₂/kWh. Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni b'emissjoni ta' 550 gr

4. Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni li għaliha tkun ittieħdet deċiżjoni finali ta' investiment wara [OP: Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni għandha tkun eliġibbli biss biex tipparteċipa f'mekkaniżmu ta' kapaċità jekk l-emissjonijiet tagħha jkunu anqas minn 550 gr CO₂/kWh. Il-kapaċità ta' ġenerazzjoni b'emissjoni ta' 550 gr

CO2/kWh jew aktar ma għandhiex tkun impenjata f'mekkaniżmi ta' kapaċità **5 snin** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

CO2/kWh jew aktar ma għandhiex tkun impenjata f'mekkaniżmi ta' kapaċità **sentejn** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, **jew 5 snin għal dawk l-impjanti li jagħmlu parti minn riservi strateġiċi.**

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-fattur tal-emissjonijiet ta' CO₂ ta' installazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku għandu jkun ibbażat fuq l-effiċjenza netta b'kapaċità nominali taħt il-kundizzjonijiet ISO.

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Jekk **il-valutazzjoni** Ewropea dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi **ma tkunx identifikat tħassib dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi, l-Istati Membri ma għandhomx japplikaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità.**

5. Jekk **Stat Membru jkun jixtieq jimplimenta mekkaniżmu ta' kapaċità, dan jeħtieġli jispjega l-konsistenza tiegħu mal-valutazzjoni** Ewropea dwar l-adeqwatezza tar-riżorsi, **speċjalment fir-rigward tal-ġustifikazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni, il-bidu u t-tmiem, u l-implimentazzjoni fuq bosta snin.**

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Meta jfasslu l-mekkaniżmi ta' kapaċità, l-Istati Membri għandhom jinkludu klawnsola ta' ħruġ, dispożizzjoni li

tippermetti l-eliminazzjoni gradwali effiċjenti ta' mekkaniżmu ta' kapaċità fil-każ li l-valutazzjoni dwar l-adegwatezza tar-riżorsi tagħti prova li t-tħassib dwar l-adegwatezza ma jkunx għadu preżenti.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 23a

Bord Konsultattiv tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku

Fi żmien ...[12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandu jiġi stabbilit Bord Konsultattiv tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku. Il-Bord Konsultattiv għandu jikkonsisti minn esperti ta' livell għoli tal-Istati Membri u grupp rilevanti u bilanċjat ta' esperti mis-settur tal-enerġija, inklużi utilitajiet, investituri, fornituri tat-teknoloġija, operaturi tan-netwerk, gruppi għall-protezzjoni tal-klima, rappreżentanti tal-konsumaturi u rappreżentanti tal-komunitajiet lokali tal-enerġija.

Il-Bord Konsultattiv għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-kompetenzi u l-għarfien expert, u b'hekk javża u jassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' inizjattivi tal-politika futuri relatati mad-disinn tas-suq tal-elettriku Ewropew. Huwa għandu jagħmel dan billi jifformula opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew rapporti, fejn xieraq.

Fi żmien 24 xahar wara l-istabbiliment tal-Bord Konsultattiv, il-Kummissjoni għandha tislet il-konklużjonijiet tagħha mid-diskussjoni permezz ta' Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-prijoritajiet strateġiċi għal suq tal-elettriku Ewropew li jkun kapaċi jixpruna l-investimenti meħtieġa għal tranżizzjoni lejn enerġija sostenibbli, sikura u

affordabbli.

Ġustifikazzjoni

L-UE qiegħda timxi lejn sistema tal-enerġija li tipproduċi enerġija bi spiża marġinali baxxa, iżda li tirrikjedi investimenti inizjali għoljin. Is-suq tal-elettriku attwali li jirremunera l-enerġija b'kostijiet marġinali biss ma jirriflettix din il-bidla. Ir-remunerazzjoni bbażata fuq is-suq tibqa' sfida. Tibdil fil-prinċipji fundamentali dwar kif l-UE tipproduċi u tuża l-enerġija biex tibni futur b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jirrikjedi riflessjoni bir-reqqa dwar id-disinn tas-suq tal-enerġija.

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri li japplikaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità fi [OP: id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jadattaw il-mekkaniżmi tagħhom biex jikkonformaw mal-Artikoli 18, 21 u 23 ta' dan ir-Regolament.

Emenda

L-Istati Membri li japplikaw il-mekkaniżmi ta' kapaċità fi [OP: id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jadattaw il-mekkaniżmi tagħhom biex jikkonformaw mal-Artikoli 18, 21 u 23 ta' dan ir-Regolament **sa ... [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].**

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-għan li jinħoloq suq intern tal-elettriku (bl-ingrossa) fl-Ewropa, li għalih huwa meħtieġ disinn tas-suq nazzjonali uniformi.

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri u r-reġjuni li jiddeċiedu - indipendentement minn regoli armonizzati tal-mekkaniżmi ta' kapaċità, jew b'konsegwenza tagħhom - li jeliminaw gradwalment b'mod attiv il-ġenerazzjoni tal-elettriku bil-faħam, għandhom jingħataw qafas ta' abilitazzjoni fit-tul għal tranżizzjoni ġusta lejn sistema tal-elettriku sostenibbli u flessibbli. L-irtirar

***immaniġġat u ppjanat tal-kapaċità
mħaddma bil-faħam jgħin sabiex jitjeb il-
funzjonament tas-sistema tal-elettriku
minbarra li jintlaħqu l-objettivi klimatiċi
u ambjentali tal-UE, pereżempju dwar l-
emissjonijiet tas-CO2 u l-arja nadifa.***

Ġustifikazzjoni

Id-dekarbonizzazzjoni jeħtieġ li tkun inklużiva, ġusta u miftiehma mill-partijiet ikkonċernati kollha u tqis l-impatti soċjetali, ekonomiċi u ambjentali, kif ukoll l-alternattivi ta' xogħol sostenibbli, speċjalment meta l-eliminazzjoni gradwali tkun marbuta mal-għeluq ta' attivitajiet ta' estrazzjoni. Azzjoni preparatorja dwar l-istabbiliment ta' pjattaforma ta' dialogu dwar il-faħam biex jiġu diskussi l-aspetti ta' governanza, it-tranżizzjoni ġusta u d-dekummissjonar waslet biex tibda u r-regoli dwar is-Suq tal-Elettriku tal-UE jenħtieġ li jkunu konformi ma' dawn l-attivitajiet.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont id-dritt tal-UE, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jaġixxi fl-interess Ewropew, indipendentement mill-interessi nazzjonali individwali jew mill-interessi nazzjonali tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u għandu jikkontribwixxi għall-kisba effiċjenti u sostenibbli tal-objettivi stabbiliti fil-qafas ta' politika għall-enerġija u l-klima li jkopri l-perjodu mill-2020 sal-2030, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għall-integrazzjoni effiċjenti tal-elettriku ġġenerat mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għaż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija.

Emenda

2. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont id-dritt tal-UE, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jaġixxi fl-interess Ewropew, indipendentement mill-interessi nazzjonali individwali jew mill-interessi nazzjonali tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u għandu jikkontribwixxi għall-kisba effiċjenti u sostenibbli tal-objettivi stabbiliti fil-qafas ta' politika għall-enerġija u l-klima li jkopri l-perjodu mill-2020 sal-2030, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għall-integrazzjoni effiċjenti tal-elettriku ġġenerat mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ***b'kombinament mal-ħżin tal-enerġija u rispons tad-domanda*** u għaż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija.

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

1. Sa [OP: tmax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], l-operaturi kollha tas-sistema ta' trażmissjoni ***għandhom jistabilixxu*** ċentri ***operazzjonali*** reġjonali skont il-kriterji stabbiliti f'dan il-kapitolu. ***Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom ikunu stabbiliti fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri tar-reġjun fejn dawn se jwettqu l-ħidma tagħhom.***

1. Sa [OP: tmax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], l-operaturi kollha tas-sistema ta' trażmissjoni ***ta' reġjun ta' tħaddim tas-sistema għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun għal rieżami, proposta għall-istabiliment ta' ċentri ta' koordinazzjoni*** reġjonali skont il-kriterji stabbiliti f'dan il-kapitolu.

Il-proposta għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-Istat Membru fejn se jinstab iċ-ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali;

(b) l-arranġamenti organizzazzjonali, finanzjarji u operazzjonali neċessarji sabiex jiġi żgurat it-tħaddim effiċjenti, sigur u affidabbli tas-sistema ta' trażmissjoni interkonnessa;

(c) pjan ta' implimentazzjoni għall-bidu tat-tħaddim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali;

(d) l-istatuti u r-regoli ta' proċedura taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali;

(e) deskrizzjoni tal-proċessi kooperattivi skont l-Artikolu 35;

(f) deskrizzjoni tal-arranġamenti li jikkonċernaw ir-responsabbiltà taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 44.

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 3a (ġdid)

3a. It-tħaddim effettiv tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jkun ir-responsabbiltà ta' kull operatur tas-sistema ta' trażmissjoni b'mod konformi mal-Artikolu 44.

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(e) koordinazzjoni u ottimizzazzjoni
tar-restawr reġjonali;** ***imħassar***

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(f) analiżi u rappurtar ta' wara t-
tħaddim u t-tfixkil;** ***imħassar***

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(g) iffissar tad-dimensjoni reġjonali
tal-kapaċità ta' riserva;** ***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Allinjata mal-emenda fl-Artikolu 5(7). L-akkwist u d-daqs tal-kapaċità ta' riserva huma marbuta mill-qrib mal-ispeċifitàjiet tas-sistema, mal-istaġun, u b'hekk mas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Minħabba li t-TSOs nazzjonali jinżammu responsabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, huma għandhom jippreservaw ukoll id-dritt li jiksbu l-ammont tal-kapaċità ta' bilanċjar/riservi, li huma jaħsbu li hu biżżejjed.

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt h

(h) iffaċilitar tal-akkwist reġjonali tal-kapaċità ta' bbilanċjar; imħassar

Ġustifikazzjoni

Allinjata mal-emenda fl-Artikolu 5(8). L-akkwist u d-daqs tal-kapaċità ta' riserva huma marbuta mill-qrib mal-ispeċifitàjiet tas-sistema, mal-istaġun, u b'hekk mas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Minħabba li t-TSOs nazzjonali jinżammu responsabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, huma għandhom jippreservaw ukoll id-dritt li jiksbu l-ammont tal-kapaċità ta' bbilanċjar/riservi.

Emenda 105

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) previżjonijiet reġjonali tal-adegwatezza tas-sistema sal-perjodu ta' żmien tal-istess ġurnata u t-tħejjija tal-azzjonijiet li jnaqqsu r-riskji;

(i) previżjonijiet reġjonali tal-adegwatezza tas-sistema sal-perjodu ta' żmien tal-istess ġurnata;

Emenda 106

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt k**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(k) ottimizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kumpens bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni; imħassar

Emenda 107

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt l**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(l) taħriġ u ċertifikazzjoni; imħassar

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(m) identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi reġjonali skont l-Artikolu 6(1) ta' [Regolament dwar it-tnejn għar-riskji kif propost mill-OM(2016) 862] jekk il-kompitu jiġi ddelegat mill-ENTSO għall-Elettriku;

imħassar

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(n) tnejn u twettiq tas-simulazzjonijiet annwali ta' kriżi f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 12(3) ta' [Regolament dwar it-tnejn għar-riskji kif propost mill-COM(2016) 862];

imħassar

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(o) kompiti relatati mal-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi reġjonali jekk u safejn jiġu ddelegati liċ-ċentri operazzjonali reġjonali skont l-Artikolu 6(1) ta' [Regolament dwar it-tnejn għar-riskji kif propost mill-COM(2016) 862];

imħassar

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(p) kompiti relatati mal-identifikazzjoni tal-prospettivi staġonali tal-adegwatezza jekk u safejn jiġu ddelegati liċ-ċentri operazzjonali reġjonali skont l-Artikolu 9(2) ta' [Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji kif propost mill-COM(2016) 862];

imħassar

Emenda 112

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt q**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(q) kalkolu tal-kapaċità fi dħul massimu disponibbli għall-parteciġazzjoni tal-kapaċità barranija fil-mekkaniżmi ta' kapaċità skont l-Artikolu 21(6).

imħassar

Emenda 113

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni tista' żżid funzjonijiet oħra f'idejn iċ-ċentri operazzjonali reġjonali li ma jinvolvux is-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet, skont il-Kapitolu VII ta' dan ir-Regolament.

2. Kull ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali għandu jimmira li jiżviluppa l-funzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-koordinazzjoni u l-ottimizzazzjoni tar-restawr reġjonali;**
- (b) l-analiżi u r-rappurtar ta' wara t-tħaddim u t-tfixkil;**
- (c) l-iffaċilitar tad-dimensjoni reġjonali tal-kapaċitajiet ta' riserva;**
- (d) l-iffaċilitar tal-akkwist reġjonali tal-kapaċità ta' bbilanċjar;**
- (e) l-ottimizzazzjoni tal-mekkaniżmi**

ta' kumpens bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni;

(f) it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni;

(g) l-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi reġjonali skont l-Artikolu [6(1)] tar-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji, COM(2016) 862] jekk il-kompitu jiġi ddelegat mill-ENTSO għall-Elettriku;

(h) il-kompiti relatati mal-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi reġjonali jekk u sa fejn jiġu ddelegati liċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji, COM(2016) 862];

(i) il-kompiti relatati mal-identifikazzjoni tal-prospettivi staġonali tal-adeqwatezza jekk u safejn jiġu ddelegati liċ-ċentri operazzjonali reġjonali skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji, COM(2016) 862];

Emenda 114

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Iċ-ċentri **operazzjonali** reġjonali għandhom jipprovdu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema **bl-informazzjoni** kollha meħtieġa biex **jiġu implimentati d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet proposti miċ-ċentri operazzjonali reġjonali.**

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Iċ-ċentri **ta' koordinazzjoni** reġjonali għandhom jipprovdu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema **l-informazzjoni** kollha meħtieġa biex **iwettqu l-kompiti tagħhom.**

Kooperazzjoni *maċ-ċentri* operazzjonali *reġjonali*

Kooperazzjoni *fost u bejn iċ-ċentri* operazzjonali *tar-reġjuni kkoordinati bis-sigurtà*

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Il-funzjonament* ta' kuljum *taċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandu jiġi ġestit permezz ta' proċessi kooperattivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-proċess kooperattiv ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandu jkun* ibbażat fuq:

Emenda

1. *Il-kordinazzjoni* ta' kuljum *fiċ-ċentri operazzjonali reġjonali kkoordinati bis-sigurtà u bejniethom għandha tiġi ġestita permezz ta' proċess kooperattiv ta' teħid ta' deċiżjonijiet* ibbażat fuq:

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet *u rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 38;*

Emenda

(c) proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet *tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni li jqisu l-proposti minn koordinaturi reġjonali tas-sigurtà;*

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) proċedura għar-reviżjoni ta' *deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet adottati miċ-ċentri operazzjonali reġjonali* skont l-Artikolu 39.

Emenda

(d) proċedura għar-reviżjoni ta' rakkomandazzjonijiet *maħruġa mill-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà* skont l-Artikolu 39.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 37a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 37a

Trasparenza

- 1. Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom jorganizzaw proċess għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati u jorganizzaw laqgħat regolari mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-operat effiċjenti, sigur u affidabbli tas-sistema interkonnessa kif ukoll sabiex jidentifikaw nuqqasijiet u jipproponu titjib;**
- 2. L-ENTSO għall-elettriku u ċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom joperaw bi trasparenza sħiħa lejn il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali. Id-dokumentazzjoni kollha rilevanti għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web taċ-ċentru ta' operazzjonijiet reġjonali rispettiv. Dan il-paragrafu għandu japplika għall-proposti, ġustifikazzjonijiet u deċiżjonijiet adottati skont l-Artikoli 32 u 33, l-Artikolu 35(a) u l-Artikolu 38 ta' dan ir-Regolament.**

Ġustifikazzjoni

Iċ-Ċentri Operazzjonali Reġjonali (ROCs) se jkunu soġġetti għal diskussjonijiet estensivi fil-kumitat ewlieni. Madankollu, minn perspettiva tal-Kumitat ENVI, id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza u l-parteciċipazzjoni huma essenzjali. Dan l-Artikolu huwa b'hekk kontinwazzjoni loġika tad-dispożizzjonijiet preċedenti dwar l-ROCs.

Emenda 120

Proposta għal regolament Artikolu 38 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Adozzjoni ***tad-deċiżjonijiet*** u tar-rakkomandazzjonijiet

Adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet

Emenda 121

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali*** għandhom jiżviluppaw proċedura għall-adozzjoni ta' ***deċiżjonijiet*** u ***rakkomandazzjonijiet***.

Emenda

1. ***L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ta' reġjun ta' tħaddim tas-sistema*** għandhom jiżviluppaw proċedura għall-adozzjoni ***u r-reviżjoni*** ta' ***rakkomandazzjonijiet imressqa minn ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali b'mod konformi mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.***

Emenda 122

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Iċ-ċentri ***operazzjonali*** reġjonali għandhom jadottaw deċiżjonijiet ***vinkolanti*** indirizzati lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni dwar il-funzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (g) u (q) tal-Artikolu 34(1). ***L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw id-deċiżjonijiet vinkolanti maħruġa miċ-ċentri operazzjonali reġjonali għajr f'każijiet meta s-sikurezza tas-sistema tkun se tiġi affettwata b'mod negattiv.***

Emenda

2. Iċ-ċentri ***ta' koordinazzjoni*** reġjonali għandhom ***ikollhom il-kompetenza li*** jadottaw deċiżjonijiet indirizzati lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni dwar il-funzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 34(1).

Emenda 123

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

2a. Meta operatur ta' sistema ta' trażmissjoni jiddeċiedi li jiddevja mir-rakkomandazzjoni maħruġa miċ-ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali, għandu jippreżenta raġunijiet dettaljati liċ-ċentru

Emenda

ta' koordinazzjoni reġjonali u lil operaturi ta' sistemi ta' tranżmissjoni oħrajn tar-reġjun tat-tħaddim tas-sistema.

Emenda 124

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. *Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom jadottaw rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni dwar il-funzjonijiet imsemmija fil-punti (c) sa (f) u (h) sa (p) tal-Artikolu 34(1).*

Emenda

3. *Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet għall-funzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 34(1), l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jiddevjaw biss f'każijiet fejn is-sigurtà tas-sistema tiġi affettwata b'mod negattiv.*

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Iċ-ċentri *operazzjonali* reġjonali għandhom jiżviluppaw proċedura għar-reviżjoni *ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet.*

Emenda

1. Iċ-ċentri *ta' koordinazzjoni reġjonali u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni* għandhom jiżviluppaw *b'mod konġunt* proċedura għar-reviżjoni *tar-rakkomandazzjonijiet.*

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 40 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Bord maniġerjali *taċ-ċentri operazzjonali* reġjonali

Emenda

Bord maniġerjali *tal-koordinaturi* reġjonali *tas-sigurtà*

Emenda 127

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jadotta miżuri relatati mal-governanza tagħhom u biex jimmonitorja l-prestazzjoni tagħhom, ***iċ-ċentri operazzjonali*** reġjonali għandhom jistabbilixxu bord maniġerjali.

Emenda

1. Sabiex jadotta miżuri relatati mal-governanza tagħhom u biex jimmonitorja l-prestazzjoni tagħhom, ***il-koordinaturi*** reġjonali ***tas-sigurtà*** għandhom jistabbilixxu bord maniġerjali.

Emenda 128

**Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) mill-abbozzar u mill-approvazzjoni tal-istatuti u mir-regoli ta' proċedura ***taċ-ċentru operazzjonali*** reġjonali;

Emenda

(a) mill-abbozzar u mill-approvazzjoni tal-istatuti u mir-regoli ta' proċedura ***tal-koordinaturi*** reġjonali ***tas-sigurtà***;

Emenda 129

**Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom jistabbilixxu u jamministraw l-organizzazzjoni tagħhom skont struttura li tappoġġa s-sikurezza tal-funzjonijiet tagħhom.*** L-istruttura organizzazzjonali tagħhom għandha tispeċifika:

Emenda

1. ***L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ta' reġjun tat-tħaddim ta' sistema għandhom jistabbilixxu l-istruttura organizzattiva taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali.*** L-istruttura organizzazzjonali tagħhom għandha tispeċifika:

Emenda 130

**Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Iċ-ċentri operazzjonali*** reġjonali jistgħu jistabbilixxu uffiċċji reġjonali biex jindirizzaw l-ispeċifikitajiet lokali jew bħala appoġġ ***għaċ-ċentri operazzjonali***

Emenda

2. ***Il-koordinaturi*** reġjonali ***tas-sigurtà*** jistgħu jistabbilixxu uffiċċji reġjonali biex jindirizzaw l-ispeċifikitajiet lokali jew bħala appoġġ ***għall-***

għall-eżerċitar effiċjenti u affidabbli tal-funzjonijiet tagħhom.

koordinaturi reġjonali tas-sigurtà għall-eżerċitar effiċjenti u affidabbli tal-funzjonijiet tagħhom.

Emenda 131

Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom ikunu mgħammra bir-riżorsi umani, tekniċi, fiżiċi u finanzjarji kollha meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

Emenda

Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà għandhom ikunu mgħammra bir-riżorsi umani, tekniċi, fiżiċi u finanzjarji kollha meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom *b'mod indipendenti u imparzjali*.

Emenda 132

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Iċ-ċentri operazzjonali* reġjonali għandhom jistabbilixxu proċess għas-sorveljanza kontinwa ta' mill-inqas:

Emenda

1. *Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà* għandhom jistabbilixxu proċess għas-sorveljanza kontinwa ta' mill-inqas:

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) id-deċiżjonijiet *u r-rakkomandazzjonijiet* maħruġa *u r-riżultati miksuba*;

Emenda

(b) id-deċiżjonijiet *mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fejn ikunu ddevjaw mir-rakkomandazzjonijiet* maħruġa *miċ-ċentri ta' kooperazzjoni reġjonali*;

Emenda 134

**Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mill-inqas darba fis-sena, iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom jippreżentaw lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema bid-dejta li tirriżulta mis-sorveljanza kontinwa.

Emenda

2. Mill-inqas darba fis-sena, iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom jippreżentaw lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema bid-dejta li tirriżulta mis-sorveljanza kontinwa. ***Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali għandhom jipubblikaw rapport annwali li jispjega kif ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Ir-rapport għandu jipprovdi dettalji tal-każijiet fejn l-operaturi ma segwewx ir-rakkomandazzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet li pprovdew.***

Emenda 135

**Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Iċ-ċentri operazzjonali*** reġjonali għandhom jistabbilixxu l-kostijiet tagħhom b'mod trasparenti u jirrappurtawhom lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun ***ta' tħaddim tas-sistema.***

Emenda

3. ***Il-koordinaturi*** reġjonali ***tas-sigurtà*** għandhom jistabbilixxu l-kostijiet tagħhom b'mod trasparenti u jirrappurtawhom lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun ***ikkoordinat bis-sigurtà.***

Emenda 136

**Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***Iċ-ċentri operazzjonali*** reġjonali għandhom jippreżentaw rapport annwali dwar il-prestazzjoni tagħhom lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun ***ta' tħaddim tas-sistema*** u lill-Grupp għall-Koordinazzjoni tal-Elettriku stabbilit skont

Emenda

4. ***Il-koordinaturi*** reġjonali ***tas-sigurtà*** għandhom jippreżentaw rapport annwali dwar il-prestazzjoni tagħhom lill-ENTSO għall-Elettriku, lill-Aġenzija, lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun ***ikkoordinat bis-sigurtà*** u lill-Grupp għall-Koordinazzjoni tal-Elettriku stabbilit skont

l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/C 353/02³⁷.

l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/C 353/02³⁷.

³⁷. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 li twaqqaf Grupp għall-Koordinazzjoni tal-Elettriku (ĠU L 353, 17.11.2012, p.2).

³⁷. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 li twaqqaf Grupp għall-Koordinazzjoni tal-Elettriku (ĠU L 353, 17.11.2012, p.2).

Emenda 137

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. **Iċ-ċentri operazzjonali** reġjonali għandhom jirrappurtaw in-nuqqasijiet identifikati fil-proċess ta' sorveljanza skont il-paragrafu 1 tal-ENTSO għall-elettriku lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun **ta' tħaddim tas-sistema**, lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli mill-prevenzjoni u mill-ġestjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Emenda

5. **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom jirrappurtaw in-nuqqasijiet identifikati fil-proċess ta' sorveljanza skont il-paragrafu 1 tal-ENTSO għall-elettriku lill-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun **ikkoordinat bis-sigurtà**, lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli mill-prevenzjoni u mill-ġestjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex ikopru r-responsabbiltà relatata **mat-twettiq** tal-kompiti **tagħhom, b'mod partikolari meta jadottaw deċiżjonijiet vinkolanti dwar l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni**. Il-metodu użat biex jipprovdu kopertura għandu jkollha l-istatus ġuridiku taċ-ċentru **operazzjonali** reġjonali u l-livell ta' kopertura tal-assigurazzjoni kummerċjali disponibbli.

Emenda

L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun tal-operazzjoni tas-sistema għandhom jinkludu l-arranġamenti biex ikopru r-responsabbiltà relatata **mal-eżekuzzjoni** tal-kompiti **taċ-ċentru fil-proposta għall-istabiliment taċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 32**. Il-metodu użat biex jipprovdu kopertura għandu jkollha l-istatus ġuridiku taċ-ċentru **ta' koordinazzjoni** reġjonali u l-livell ta' kopertura tal-assigurazzjoni kummerċjali disponibbli.

Emenda 139

Proposta għal regolament Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni **li mhumiex parti minn intrapriża integrata vertikalment jew li huma separati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 35 [riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE kif proposta mill-COM(2016) 864/2]**, għandhom jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni bl-Entità Ewropea tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni ("l-entità tal-UE għad-DSO"), sabiex jippromwovu l-ikkompletar u l-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku u biex jippromwovu l-ġestjoni ottimali u t-tħaddim koordinat tas-sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni. L-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni li jixtiequ jipparteċipaw fl-entità tal-UE għad-DSO għandhom jirreġistraw bħala membri tal-entità.

Emenda

L-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni **kollha** għandhom jikkooperaw fil-livell tal-Unjoni bl-Entità Ewropea tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni ("l-entità tal-UE għad-DSO"), sabiex jippromwovu l-ikkompletar u l-funzjonament tas-suq intern tal-elettriku u **tal-gass biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija sostenibbli, deċentralizzata u aktar integrata u** biex jippromwovu l-ġestjoni ottimali u t-tħaddim koordinat tas-sistemi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni. L-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni **u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom fil-livell tal-Unjoni** li jixtiequ jipparteċipaw fl-entità tal-UE għad-DSO għandhom jirreġistraw bħala membri tal-entità. **L-istatuses għandhom jiżguraw li l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet iqis id-differenzi reġjonali tan-netwerk ta' distribuzzjoni.**

Ġustifikazzjoni

In-netwerks ta' distribuzzjoni madwar l-Ewropa jvarjaw b'mod konsiderevoli: mil-livell tal-vultaġġ, it-topoloġija, il-profil naturali ta' żona partikolari sat-tendenzi tal-konsum tal-utenti. Dawn l-ispeċifitàjiet għandhom jitqiesu f'operazzjoni tal-entità tal-UE għad-DSO.

Emenda 140

Proposta għal regolament Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, l-entità tal-UE għad-DSO għandha taġixxi fl-interessi tal-Unjoni u indipendentement mill-interessi nazzjonali individwali jew mill-interessi nazzjonali tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, u għandha tikkontribwixxi

għall-kisba effiċjenti u sostenibbli tal-objettivi stabbiliti fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija li jkopri l-perjodu mill-2020 sal-2030, b'mod partikolari billi tneħħi l-ostakoli għall-integrazzjoni tal-elettriku ġġenerat mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u billi żżid l-effiċjenza tal-enerġija.

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-kompiti assenjati lill-entità l-ġdida tal-UE għad-DSO (b'mod partikolari l-kompiti relatati mal-iżvilupp ta' kodiċijiet tan-netwerk u l-aqwa Prattiki), l-entità għandu jkollha l-obbligu li taġixxi fl-interess tal-Ewropa, taġixxi b'mod indipendenti, u tikkontribwixxi fl-ilħuq tal-objettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima. Fl-Artikolu 25(2) ta' dan ir-Regolament, ġie propost li tali obbligu jiġi impost fuq l-ENTSO għall-Elettriku (ENTSO-E) u sabiex tiġi żgurata konsistenza għandu jiġi replikat għad-DSO tal-UE l-ġdid.

Emenda 141

Proposta għal regolament Artikolu 50 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-istabbiliment tal-entità tal-UE għad-DSO
għall-elettriku

L-istabbiliment tal-entità tal-UE għad-DSO

Emenda 142

Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sa [OP: tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, bl-appoġġ amministrattiv tal-Aġenzija, għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-abbozz **tal-istatuti**, lista tal-membri rreġistrati, l-abbozz tar-regoli ta' proċedura, inklużi r-regoli tal-proċeduri tal-konsultazzjoni mal-ENTSO tal-elettriku u partijiet ikkonċernati oħra u r-regoli għall-iffinanzjar tal-entità tal-UE għad-DSO.

1. Sa [OP: tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, bl-appoġġ amministrattiv tal-Aġenzija, għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-abbozz **tad-deskrizzjoni ta' struttura ta' governanza li tiggarrantixxi rappreżentanza ġusta u bbilanċjata tal-interessi bejn il-membri u l-Istati Membri. Dan għandu jinkludi l-abbozz ta' kriterji definiti fil-paragrafu 2**, lista tal-membri rreġistrati, l-abbozz tar-regoli ta' proċedura, inklużi r-regoli tal-

proċeduri tal-konsultazzjoni mal-ENTSO tal-elettriku u partijiet ikkonċernati oħra u r-regoli għall-iffinanzjar tal-entità tal-UE għad-DSO.

Emenda 143

Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sa [OP: sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ], l-Aġenzija għandha tiddefinixxi kriterji għat-tfassil tal-abbozz tal-istatuti, il-lista tal-membri rreġistrati, u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura msemmi fil-paragrafu 1 bil-għan li l-entità tal-UE għad-DSO żżomm l-indipendenza mill-membri tagħha u li tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata kif ukoll trattament ugwali tal-operaturi membri kollha ta' sistema ta' distribuzzjoni. L-Aġenzija għandha tikkonsulta formalment lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar il-kriterji.

Emenda 144

Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. ***Il-kompiti tal-entità tal-UE għad-DSO għandhom ikunu dawn li ġejjin:***

1. ***Il-kompitu ewlieni tal-entità tal-UE għad-DSO għandu jkun il-parteċipazzjoni fl-elaborazzjoni tal-kodiċi tan-netwerk skont l-Artikolu 56.***

Kompiti oħra jistgħu jinkludu l-iskambju ta' fehmiet u tal-aħjar prattiki dwar:

Emenda 145

Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) żvilupp tar-rispons tad-domanda;

Emenda

(c) żvilupp tar-rispons tad-domanda **u
ħżin tal-enerġija**;

Emenda 146

Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) **ġestjoni tad-dejta, sigurtà**
ċibernetika u protezzjoni tad-dejta;

Emenda

(e) **sigurtà** ċibernetika u protezzjoni
tad-dejta, u imparzjalità fil-ġestjoni tad-
dejta;

Emenda 147

Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) **parteċipazzjoni fl-elaborazzjoni
tal-kodiċijiet tan-netwerk skont l-Artikolu
56.**

Emenda

imħassar

Emenda 148

Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tikkoopera mal-ENTSO għall-
elettriku **dwar is-sorveljanza** tal-
implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk
u tal-linji gwida li huma rilevanti għat-
tħaddim u l-ippjanar tal-grilji ta'
distribuzzjoni u t-tħaddim koordinat tan-
netwerks ta' trażmissjoni u ta'

Emenda

(a) tikkoopera mal-ENTSO għall-
elettriku **biex teżamina l-problemi u
tifformula rakkomandazzjonijiet relatati
mas-sorveljanza** tal-implimentazzjoni tal-
kodiċijiet tan-netwerk u tal-linji gwida li
huma rilevanti għat-tħaddim u l-ippjanar
tal-grilji ta' distribuzzjoni u t-tħaddim

distribuzzjoni u li huma adottati skont dan ir-Regolament;

koordinat tan-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u li huma adottati skont dan ir-Regolament;

Emenda 149

Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) taħdem f'konformità sħiħa mar-regoli ta' kompetizzjoni.

imħassar

Emenda 150

Proposta għal regolament Artikolu 51 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-entità tal-UE għad-DSO għandha topera f'konformità sħiħa mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u dawk nazzjonali.

Emenda 151

Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Filwaqt li tħejji l-kodiċijiet tan-netwerk possibbli skont l-Artikolu 55, l-entità tal-UE għad-DSO għandha twettaq proċess ta' konsultazzjoni estensiv, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti, li jkun jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u, b'mod partikolari, lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-partijiet ikkonċernati kollha, skont ir-regoli ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 50. Dik il-konsultazzjoni għandha tinvolvi wkoll lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħrajn, l-impriżi ta'

1. Filwaqt li tħejji l-kodiċijiet tan-netwerk possibbli skont l-Artikolu 55, l-entità tal-UE għad-DSO għandha twettaq proċess ta' konsultazzjoni estensiv, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti, li jkun jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u, b'mod partikolari, lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-partijiet ikkonċernati kollha, skont ir-regoli ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 50. Dik il-konsultazzjoni għandha tinvolvi wkoll lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħrajn, l-impriżi ta'

forniment u ta' ġenerazzjoni, l-utenti tas-sistema, inklużi l-klijenti, ***l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti***, il-korpi tekniċi u l-pjattaformi tal-partijiet ikkonċernati. Il-konsultazzjoni għandha l-għan li tidentifika l-opinjoni u l-proposti tal-partijiet rilevanti kollha waqt il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

forniment u ta' ġenerazzjoni, l-utenti tas-sistema, inklużi l-klijenti, il-korpi tekniċi u l-pjattaformi tal-partijiet ikkonċernati. Il-konsultazzjoni għandha l-għan li tidentifika l-opinjoni u l-proposti tal-partijiet rilevanti kollha waqt il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Peress li d-DSO kollha għandhom ikunu direttament involuti fl-entità tal-UE għad-DSO, m'għandhomx jissemmew hawnhekk bħala partijiet terzi kkonċernati.

Emenda 152

Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Aġenzija għandha timmonitorja t-twettiq tal-kompiti attribwiti lill-entità tal-UE għad-DSO fl-Artikolu 51 u tiżgura l-konformità tagħha mal-obbligi skont dan ir-Regolament u leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti oħra, l-aktar fir-rigward tal-indipendenza tal-entità tal-UE għad-DSO u r-rekwiżit li tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni kollha madwar l-Unjoni. L-Aġenzija għandha tinkludi r-riżultati ta' monitoraġġ fir-rapport annwali tagħha skont l-Artikolu [16] tar-Regolament (UE) .../... [Riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 713/2009, COM(2016) 863].

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-ACER tingħata b'mod formali s-setgħa li teżerċita sorveljanza aktar robusta fuq l-entità tal-UE għad-DSO. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun hemm rekwiżit formali fuq l-ACER biex tiżgura li l-entità tal-UE għad-DSO tikkonforma mal-kriterji li jinsabu fl-istatut ta' governanza tagħha, b'mod partikolari li l-entità tal-UE għad-DSO tikkonforma mal-kriterji għaż-żamma tal-indipendenza u r-rappreżentanza adegwata tal-membri individwali tad-DSOs. Jenħtieġ li tali bidliet fil-kompetenza tal-ACER ikun hemm kontroreferenzi għalihom fir-Riformulazzjoni tar-Regolament 713/2009 kif proposta minn COM(2016) 863.

Emenda 153

Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-entità tal-UE għad-DSO għandha tippreżenta l-abbozz ta' programm ta' ħidma annwali previst fl-Artikolu 51 lill-Aġenzija għall-opinjoni tagħha. Fi żmien xahrejn minn meta tirċevih, l-Aġenzija għandha tipprovdi opinjoni debitament raġunata kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-entità tal-UE għad-DSO u lill-Kummissjoni meta tqis li l-abbozz ta' programm ta' ħidma annwali ppreżentat mill-entità tal-UE għad-DSO ma jikkontribwixxix għan-nondiskriminazzjoni, kompetizzjoni effettiva, il-funzjonament effettiv tas-suq jew ġestjoni ottimali u operazzjoni kkoordinata tas-sistemi ta' distribuzzjoni u ta' trażmissjoni.

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-ACER tingħata s-setgħa li tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-entità tal-UE għad-DSO meta ssib li l-abbozz ta' programm annwali tal-entità tal-UE għad-DSO ma jikkonformax mar-regoli tal-UE jew huwa inkonsistenti mal-oġettivi tal-livell tal-UE. Jenħtieġ li tali bidliet fil-kompetenza tal-ACER issir kontroreferenza għalihom fir-Riformulazzjoni tar-Regolament 713/2009 kif proposta minn COM(2016) 863.

Emenda 154

Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-entità tal-UE għad-DSO għandha tqis l-opinjoni mogħtija waqt il-konsultazzjonijiet. Qabel ma jiġu adottati l-proposti għall-kodiċijiet tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 55, l-entità tal-UE għad-DSO għandha tindika kif tqiesu l-osservazzjonijiet li rċeviet waqt il-

3. Il-kumitat għall-abbozzar għandu jqis l-opinjoni mogħtija waqt il-konsultazzjonijiet. Qabel ma jiġu adottati l-proposti għall-kodiċijiet tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 55, l-entità tal-UE għad-DSO għandha tindika kif tqiesu l-osservazzjonijiet li rċeviet waqt il-

konsultazzjoni. Din għandha tagħti raġunijiet meta l-osservazzjonijiet ma jitqisux.

konsultazzjoni. Din għandha tagħti raġunijiet meta l-osservazzjonijiet ma jitqisux.

Emenda 155

Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni, tista' tadotta atti delegati mingħajr pteġudizzju għas-setgħat mogħtija fl-Artikoli 55 u 57. Dawn l-atti delegati jistgħu jew jiġu adottati bħala kodiċijiet tan-netwerk abbażi tal-proposti tat-test żviluppatti mill-ENTSO għall-Elettriku, jew, fejn jiġi deċiż hekk fil-lista ta' prijorità skont l-Artikolu 55 il-paragrafu 2, **mill-entità tal-UE għad-DSO u** mill-Aġenzija skont il-proċedura fl-Artikolu 55 jew bħala linji gwida skont il-proċedura fl-Artikolu 57.

Emenda

1. Il-Kummissjoni, tista' tadotta atti delegati mingħajr pteġudizzju għas-setgħat mogħtija fl-Artikoli 55 u 57. Dawn l-atti delegati jistgħu jew jiġu adottati bħala kodiċijiet tan-netwerk abbażi tal-proposti tat-test żviluppatti mill-ENTSO għall-Elettriku, jew, fejn jiġi deċiż hekk fil-lista ta' prijorità skont l-Artikolu 55 il-paragrafu 2, mill-Aġenzija skont il-proċedura fl-Artikolu 55 jew bħala linji gwida skont il-proċedura fl-Artikolu 57.

Ġustifikazzjoni

It is not appropriate for the DSO entity to be in a privileged position to draft network codes (particularly when their subject matter relates to the operation of the distribution system), which will govern the DSOs' own conduct, as well as the conduct of other market participants such as generators, suppliers, consumers, and aggregators. The EUDSO entity would be in a position to influence the drafting of rules and best practices that will significantly impact the deployment of renewables and demand response, which not all DSOs are supporting. This could increase the risk of network codes that impose additional barriers to demand response and self-consumption. This risk is exacerbated by the fact that EU unbundling rules for DSOs are not very stringent, which would allow large DSOs connected to parent utilities to exert undue influence via the DSO entity.

Emenda 156

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 63 dwar l-istabbiliment ta' kodiċijiet tan-

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 63 dwar l-istabbiliment ta' kodiċijiet tan-

network fl-oqsma li ġejjin:

network fl-oqsma li ġejjin, **filwaqt li tqis, jekk ikun xieraq, l-ispeċifitàjiet reġjonali.**

Ġustifikazzjoni

Il-kodiċijiet tan-network għandhom ikompli jqisu l-ispeċifitàjiet reġjonali.

Emenda 157

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) regoli dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni u **d-distribuzzjoni** u imposti għall-konnessjoni inklużi s-sinjali differenzjati skont il-lokalità u regoli dwar il-kumpens tal-operaturi ta' sistemi ta' intertrażmissjoni;

Emenda

(k) regoli dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni u imposti għall-konnessjoni inklużi s-sinjali differenzjati skont il-lokalità u regoli dwar il-kumpens tal-operaturi ta' sistemi ta' intertrażmissjoni;

Ġustifikazzjoni

*It-tħaddim tas-sistema ta' distribuzzjoni huwa speċifiku ħafna għal-lokal minħabba t-topoloġija tal-grilja u t-tendenzi tal-konsum differenti. Għalhekk, mhuwiex irrakkomandat li tiġi armonizzata l-istruttura tagħha permezz tal-kodiċijiet tan-network jew tal-linji gwida. Sett ta' prinċipji ta' livell għoli kif iddikjarat fl-Artikolu 16: *Flasijiet għall-aċċess għal networks huma biżżejjed għall-fini tat-trasparenza u l-iffissar ġust tat-tariffi.**

Emenda 158

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-ENTSO għall-elettriku, jew fejn jiġi deċiż hekk fil-lista ta' prijorità skont il-paragrafu 2, l-entità tal-UE għad-DSO għandha tlaqqa' kumitat għall-abbozzar biex jappoġġaha fil-proċess ta' żvilupp tal-kodiċijiet tan-network. Il-Kumitat għall-abbozzar għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-ENTSO għall-Elettriku, tal-Aġenzija, tal-entità tal-UE għad-DSO, fejn xieraq, minn operaturi nominati tas-suq tal-elettriku u minn għadd limitat tal-

Emenda

9. L-ENTSO għall-elettriku, jew fejn jiġi deċiż hekk fil-lista ta' prijorità skont il-paragrafu 2, l-entità tal-UE għad-DSO għandha tlaqqa' kumitat għall-abbozzar biex jappoġġaha fil-proċess ta' żvilupp tal-kodiċijiet tan-network. Il-Kumitat għall-abbozzar għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-ENTSO għall-Elettriku, tal-Aġenzija, tal-entità tal-UE għad-DSO, fejn xieraq, minn operaturi nominati tas-suq tal-elettriku u minn **rappreżentanti ta'**

partijiet ikkonċernati affettwati ewlenin. L-ENTSO għall-Elettriku jew fejn ikun għe deċiż hekk fil-lista ta' prijorità skont il-paragrafu 2, l-entità tal-UE għad-DSO, għandu jelabora proposti għal kodiċijiet tan-netwerk fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1 fuq talba indirizzata lill mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 8.

għadd limitat tal-partijiet ikkonċernati affettwati ewlenin, **bħall-konsumaturi**. L-ENTSO għall-Elettriku jew fejn ikun għe deċiż hekk fil-lista ta' prijorità skont il-paragrafu 2, l-entità tal-UE għad-DSO, għandu jelabora proposti għal kodiċijiet tan-netwerk fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1 fuq talba indirizzata lill mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 8.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi żgurat li l-perspettivi tal-konsumaturi jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fl-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-netwerk.

Emenda 159

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. L-Aġenzija għandha tirrevedi l-kodiċi tan-netwerk u tiżgura li dan ikun konformi mal-linji gwida ta' qafas u li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament effiċjenti tas-suq u , għandha tippreżenta l-kodiċi tan-netwerk lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-proposta. Fil-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tqis l-opinjoni mill-partijiet kollha involuti waqt l-abbozzar tal-proposta mmexxija mill-ENTSO għall-Elettriku jew mill-entità tal-UE għad-DSO u għandha tikkonsulta formalment lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-verżjoni li trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni.

Emenda 160

Proposta għal regolament Artikolu 57 – paragrafu 1

Emenda

10. L-Aġenzija għandha tirrevedi l-kodiċi tan-netwerk u tiżgura li dan ikun konformi mal-linji gwida ta' qafas u li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq, għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, għall-kompetizzjoni effettiva u għall-funzjonament effiċjenti tas-suq u , għandha tippreżenta l-kodiċi tan-netwerk lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-proposta. Fil-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tqis l-opinjoni mill-partijiet kollha involuti, **b'mod partikolari l-opinjoni tal-konsumaturi**, waqt l-abbozzar tal-proposta mmexxija mill-ENTSO għall-Elettriku jew mill-entità tal-UE għad-DSO u għandha tikkonsulta formalment lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-verżjoni li trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida **vinkolanti** fl-oqsma elenkati hawn taħt.

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida fl-oqsma elenkati hawn taħt.

Emenda 161

**Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-linji gwida jistgħu jistabbilixxu wkoll regoli xierqa marbuta mal-imposti applikati għall-produtturi, il-ħżin tal-enerġija u l-klijenti (tagħbija) skont sistemi tariffarji ta' trażmissjoni **u ta' distribuzzjoni** nazzjonali u reġimi ta' konnessjoni nazzjonali, inkluż ir-riflessjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens għall-operatur tas-sistema ta' intertrażmissjoni f'imposti ta' netwerks nazzjonali u l-provvista ta' sinjali xierqa u effiċjenti differenzjati skont il-lokalità, konformement mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 16.

Emenda

Il-linji gwida jistgħu jistabbilixxu wkoll regoli xierqa marbuta mal-imposti applikati għall-produtturi, il-ħżin tal-enerġija u l-klijenti (tagħbija) skont sistemi tariffarji ta' trażmissjoni nazzjonali u reġimi ta' konnessjoni nazzjonali, inkluż ir-riflessjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens għall-operatur tas-sistema ta' intertrażmissjoni f'imposti ta' netwerks nazzjonali u l-provvista ta' sinjali xierqa u effiċjenti differenzjati skont il-lokalità, konformement mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 16.

Ġustifikazzjoni

Allinjata mal-emenda fl-Artikolu 55(1)(k). In-netwerks ta' distribuzzjoni madwar l-Ewropa jvarjaw b'mod konsiderevoli: mil-livell tal-vultaġġ, it-topoloġija, il-profil naturali ta' żona partikolari sat-tendenzi tal-konsum tal-utenti. Għalhekk, jeħtieġ li l-istruttura tad-distribuzzjoni tat-tariffi tkun unika; l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma attrezzati l-aħjar biex jagħmlu dan.

Emenda 162

**Proposta għal regolament
Anness I – parti 5 – punt 5.1**

Test propost mill-Kummissjoni

5.1. Iċ-ċentri operazzjonali reġjonali għandhom ikunu mġhamra b'sistemi ta' akkwist tad-dejta u ta' kontroll superviżorju qrib il-ħin reali bl-osservabbiltà ddefinita bl-applikazzjoni

Emenda

imħassar

tal-livell limitu stabbilit skont il-punt 4.1.

PROCĊDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Is-suq intern għall-elettriku (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2016)0861 – C8-0492/2016 – 2016/0379(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 1.3.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 6.7.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Ivo Belet 6.7.2017
Data tal-adozzjoni	21.11.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 52 - : 9 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Catherine Bearder, Ivo Belet, Simona Bonafè, Lynn Boylan, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Alberto Cirio, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Mark Demesmaecker, Bas Eickhout, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Jens Gieseke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Benedek Jávor, Josu Juaristi Abaunz, Kateřina Konečná, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Norbert Lins, Valentinas Mazuronis, Joëlle Mélin, Susanne Melior, Rory Palmer, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Renate Sommer, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Damiano Zoffoli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Eleonora Evi, Martin Häusling, Esther Herranz García, Rupert Matthews, Christel Schaldemose, Bart Staes, Dubravka Šuica
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Noichl

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

52	+
ALDE	Catherine Bearder, Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jäätteenmäki, Valentinas Mazuronis, Frédérique Ries
ECR	Mark Demesmaeker
EFDD	Eleonora Evi, Piernicola Pedicini
GUE/NGL	Lynn Boylan, Josu Juaristi Abaunz, Kateřina Konečná
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Alberto Cirio, Birgit Collin-Langen, Angélique Delahaye, Herbert Dorfmann, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Esther Herranz García, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Dubravka Šuica, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Simona Bonafè, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Jo Leinen, Susanne Melior, Maria Noichl, Rory Palmer, Gilles Pargneaux, Pavel Poc, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Damiano Zoffoli
Verts/ALE	Margrete Auken, Bas Eickhout, Martin Häusling, Benedek Jávor, Davor Škrlec, Bart Staes

9	-
ECR	Jørn Dohrmann, Arne Gericke, Julie Girling, Urszula Krupa, Rupert Matthews, Bolesław G. Piecha
ENF	Jean-François Jalkh, Joëlle Mélin
NI	Zoltán Balczó

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni